1725-8359



# SIGNALS 2011

## IL-GLOBALIZZAZZJONI, L-AMBJENT U INT

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

Impaġinazzjoni: Rosendahls-Schultz Grafisk/EEA

**Avviż legali**

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjonijiet uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew istituzzjonijiet oħra tal-Komunitajiet Ewropej. La l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u lanqas kwalunkwe persuna jew kumpanija li taġixxi f'isem l-Aġenzija mhuma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li fih dan ir-rapport.

**Avviż tad-dritt tal-awtur**
© EEA, Kopinħagen, 2011
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li s-sors ikun irrikonoxxut, ħlief għal fejn huwa ddikjarat mod ieħor.
Informazzjoni rigward l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Tista' tinkiseb ukoll permezz tas-server Europa (www.europa.eu).

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-9213-187-6
doi:10.2800/69937

**Produzzjoni ambjentali**
Din il-pubblikazzjoni hija stampata skond l-ogħla standards ambjentali.

**Stampata minn Rosendahls-Schultz Grafisk**
— Ċertifikat ta' Ġestjoni Ambjentali: DS/EN ISO 14001:2004
— Ċertifikat tal-Kwalità: ISO 9001: 2000
— Reġistrazzjoni EMAS. Liċenzja nru DK – 000235

**Karta**
100 g Cocoon Offset
250 g Cocoon Offset

*Stampata fid-Danimarka*

EMAS
Verified environmental management
REG.NO. DK-000244

Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Id-Danimarka
Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99
Web: eea.europa.eu
Mistoqsijiet: eea.europa.eu/enquiries

# WERREJ


| | |
|---|---|
| X'inhu Signals? | **4** |
| Editorjal | **6** |
| Is-Sena tal-Foresta: niċċelebraw il-foresti għan-nies | **10** |
| 1. Ngħixu f'dinja interkonnessa | **12** |
| 2. Is-saħħa fi klima li qiegħda tinbidel | **24** |
| 3. Naqsmu r-rikkezzi tan-natura | **32** |
| 4. Konsum b'mod insostenibbli | **44** |
| 5. L-Isfida tat-tniġġis | **52** |
| 6. Dinja urbana | **62** |
| Referenzi | **70** |

# X'INHU SIGNALS?

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tippubblika Signals kull sena u fih tipprovdi stejjer ritratt dwar kwistjonijiet ta' interess għad-dibattitu dwar il-politika ambjentali u għall pubbliku aktar wiesa' fis-sena li tkun ġejja.

Fl-EEA, aħna nissorveljaw l-ambjent madwar it-32 pajjiż membru tagħna fi sħubija man-netwerk tagħna. Aħna naħdmu b'ammont kbir ta' dejta ambjentali li tasal minn firxa ta' sorsi li jvarjaw minn riċerkaturi li jkunu sa rkopptejhom fl-ilma sa immaġni tas-satelliti mill-ispazju. Fil-qalba ta' dak li nwettqu hemm is-sejbien, il-qari u l-fehim tal-firxa ta' 'sinjali' (signals) rigward is-saħħa u d-diversità tal-ambjent tagħna. Signals jirrispetta l-kumplessità tax-xjenza sottostanti u jixhed l-għarfien dwar inċertezzi inerenti fil kwistjonijiet kollha li nindirizzaw.

L-udjenza fil-mira tagħna hija wiesgħa, mifruxa minn studenti sa xjenzati, minn dawk li jfasslu l-politika sa bdiewa u nies b'negozji żgħar. Signals, li jiġi ppubblikat bis-26 lingwa kollha tal-EEA, juża mudell ibbażat fuq l-istejjer biex jgħinna nikkomunikaw aħjar ma' firxa wiesgħa ta' qarrejja. Signals juża diversi mudelli biex jgħid l-istejjer tiegħu. Waqt li kull storja tenfasizza punti speċifiċi, bħala kollezzjoni, huma jillustraw ukoll il-bosta interrelazzjonijiet bejn kwistjonijiet li għall ewwel jidhru mingħajr konnessjoni.

Aħna napprezzaw il-kummenti tiegħek dwar Signals:

Tista' tibgħatilna email hawnhekk fuq:
**signals@eea.europa.eu**

Interaġixxi ma' Signals online fuq:
**www.eea.europa.eu/signals**

Żur il-paġna ta' Signals fuq Facebook:
**www.facebook.com/European-Environment-Agency**

Ordna Signals 2011 mingħajr ħlas mill-Ħanut tal-Kotba tal-UE:
**http://bookshop.europa.eu**

INTERNATIONAL YEAR OF FORESTS · 2011

## Kif inhu organizzat Signals 2011

Fl-EEA, riċentement lestejna analiżi prinċipali, *L-ambjent Ewropew — l-istat u l-prospetti 2010* (SOER 2010) — ir-rapport ewlieni tagħna. Fl-SOER 2010, aħna nagħmlu enfasi fuq l-isfidi li qegħdin niffaċċjaw globalment.

Signals 2011 huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu bbażat fuq l-SOER 2010 u huwa organizzat madwar il-messaġġi ewlenin li ġejjin:

- l-interkonnessjonijiet kumplessi fl-ekonomija globali, l-ambjent u s-soċjetà joħolqu ħafna sfidi
- in-natura tipprovdi servizzi siewja ħafna lill-umanità, billi tiddetermina l-benesseri u l-prosperità tagħna
- meta l-estrazzjoni tar-riżorsi teqred l-ekosistemi, in-nies foqra jkollhom jerfgħu ħafna mill-ispejjeż iżda jirċievu ftit biss mill-benefiċċji
- il-mudelli tal-konsum globali huma xprunatur ewlieni tal-impatti ambjentali tal-umanità
- kif u fejn ngħixu jaffettwa l-konsum tagħna u, għalhekk, l-ambjent tagħna
- minbarra li jitolbu inputs ta' riżorsi, l-ekonomiji tagħna jheddu lill-ekosistemi tagħna u s-servizzi li jipprovdu billi jiġġeneraw it-tniġġis u l-iskart
- il-globalizzazzjoni toħloq sfidi ġodda iżda toffri wkoll soluzzjonijiet li jinkludu l-qsim tal-innovazzjonijiet u l-għarfien u mekkaniżmi ġodda ta' governanz

Fil-pubblikazzjoni Signals 2011 aħna nenfasizzaw eżempji ta' innovazzjoni biex nikkontestaw il-perċezzjoni li aħna osservaturi passivi. Tabilħaqq, messaġġ ewlieni ta' Signals 2011 huwa r-rwol li lkoll kemm aħna nwettqu fit-tiswir tad-dinja tal-lum u r-rwol li *nistgħu* nwettqu fit-tfassil tal-ġejjieni. Bil-governanza, l-inizjattivi ekonomiċi u l-attitudnijiet adegwati, aħna nistgħu nfasslu ġejjieni aħjar u aktar ġust.



# EDITORJAL



Gangi Bhuyan, żewġha Sukru u l-familja żagħżugħa tagħhom jafu l-foresta b'mod intimu. Dan huwa fundamentali għalihom – mingħajrha jispiċċaw imutu bil-ġuħ.

Għal ħames xhur sħaħ kull sena, Gangi u Sukru jitimgħu lill-familja tagħhom minn biċċa art żgħira. Huma jissupplimentaw dan b'ikel millf-oresta. Għal erba' xhur oħra, huma jiddependu għal kollox fuq il-foresta – jaħsdu l-ħxejjex, iż-żrieragħ, il-frott u l-mediċini. Matul il-bqija tas-sena, huma jkunu sfurzati jemigraw lejn bliet bħal Bangalore jew Mumbai, fejn jaħdmu f'xogħol manwali. Huma jibżgħu minn dan iż-żmien minħabba li spiss ikollhom jinfirdu minn xulxin, u ż-żoni residenzjali foqra tal-ibliet jistgħu jkunu perikolużi u ma tantx jilqgħuk.

Il-familja Bhuyan huma Soura – tribù indiġenu li jabita fil-foresta tar-reġjun Gajapati ta' Orissa, fil-Lvant tal-Indja. Tant għandha ġid taħt l-art, li Orissa issa hija fundamentali għall-provvista globali tal-minerali. Bħala riżultat, il-kumpaniji tat-tħaffir fil-minjieri qegħdin jikkjuwjaw biex jassiguraw l-aċċess għall-foresti tar-reġjun. L-interessi huma għoljin u l-inċentivi jistgħu jkunu kbar.

Madankollu, in-nies tat-tribù ta' spiss isibu ruħhom fuq in-naħa telliefa. Minħabba li d-drittijiet tal-artijiet tagħhom qatt ma kienu rikonoxxuti jew iddokumentati kif suppost, il-vuċi tagħhom mhijiex b'saħħitha.

Għal dawn in-nies, l-ambjent naturali huwa s-salvazzjoni tagħhom. Is-sitwazzjoni tagħhom mhijiex unika. Madwar id-dinja, l-ifqar fost il-foqra qegħdin jiġu affettwati mid-degradazzjoni ambjentali. Ħafna drabi, kif ser taqra, din il-ħsara hija mmexxija mid-domanda globali għall-materja prima, li min-naħa tagħha hija mmexxija mill-konsum tal-bniedem. Dak il-konsum huwa minnu nnifsu marbut mad-demografija: id-daqs u l-istruttura tal-popolazzjonijiet tal-bniedem.

Sal-2050 il-popolazzjoni tagħna tista' tlaħħaq id-9 biljuni. 'Tista'' għaliex fil-verità sempliċiment ma nafux eżattament kif sejra tiżviluppa l-popolazzjoni tagħna. Din l-inċertezza tinsab kullimkien madwarna meta nitkellmu dwar il-ġejjieni. Iżda din m'għandhiex tipparalizzana f'nuqqas ta' azzjoni. Minflok, għandna naħsbu aħjar biex inħarsu fit-tul. Fil-ħajja ta' kuljum, aħna kontinwament niġu kkonfrontati bi kwistjonijiet fit-tul u nippjanaw skont kif ikun xieraq. Aħna għandna nwessgħu dan l-approċċ sabiex ninkludu wħud mill-kwistjonijiet ewlenin li qegħdin jiffaċċjaw is-soċjetajiet tagħna.

F'dan ir-rigward, l-2011 u l-2012 huma snin kritiċi. Is-sena 2012 tirrappreżenta l-20 anniversarju tas-'Summit Dinji' (Earth Summit) tan-Nazzjonijiet Uniti f'Rio de Janeiro. F'dik l

okkażjoni, nies minn kull livell tal-ħajja qablu li jerġgħu jibdew jaħsbu dwar l-iżvilupp ekonomiku u jsibu modi kif iwaqqfu l-qerda ta' riżorsi naturali insostitwibbli u t-tniġġis tal-pjaneta – bil-għan li jaqilbu għad-direzzjoni ta' 'żvilupp sostenibbli'. Aktar tard, dawn l-aspirazzjonijiet inġabru flimkien fi tmien 'Miri tal-Millenju għall-Iżvilupp' immirati biex jiżguraw li l-iżvilupp tal-bniedem jilħaq lil kulħadd, kullimkien, mingħajr ma jiġi ssagrifikat l-ambjent.

F'dan il-kuntest, *Signals 2011* jista' jitqies bħala riflessjoni fuq l-aspirazzjonijiet ta' għoxrin sena ilu – li ħafna minnhom għadhom ma ġewx realizzati. *Signals* jistabbilixxi wkoll din l-isfida: wasal iż-żmien għal bidla deċiżiva għal ekonomija sostenibbli, ekoloġika u globali.

Il-ħtieġa urġenti għal din il-bidla qiegħda ssir dejjem aktar evidenti. Madwar id-dinja, il-kriżijiet sistemiċi qegħdin ikunu ta' theddida f'oqsma bħall-finanzi, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, il-bijodiversità, l-ekosistemi u d-demografija. Barra minn hekk, l-iskala, il-veloċità u l-interkonnettività tal-bidliet ekonomiċi, soċjali u ambjentali globali qegħdin joħolqu sfidi mingħajr preċedenti. Madankollu, l-opportunitajiet huma bil-bosta. Il-bidla għal ekonomija sostenibbli, globali u ekoloġika hija possibbli u f'waqtha.

Mis-'Summit Dinji' f'Rio fl-1992, inbidlu ħafna affarijiet (għalkemm ħafna oħrajn baqgħu l-istess). Huwa issa li qegħdin nagħrfu l-importanza sħiħa tal-ambjent sabiex jiġi ddeterminat il-benesseri tal-umanità. Ma nistgħux nibdew nindirizzaw il-faqar mingħajr ma nieħdu ħsieb ukoll is-sistemi naturali li jsostnu lis-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. L-ifqar fost il-foqra jiddependu għal għajxienhom fuq in-natura u dak li hija tipprovdi. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp ifisser li huma jassiguraw l-ambjent lokali tagħhom l-ewwel u qabel kollox u mbagħad jimxu 'l quddiem b'modi oħrajn.

Hemm it-tama. Kull fejn immorru, in-nies qegħdin jagħmlu l-mistoqsijiet, jagħmlu t-tfittxijiet tagħhom, jinnovaw u jesiġu t-tibdil. L-Att dwar id-Drittijiet tal-Foresti fl-Indja issa qiegħed jiffaċilita t-trasferiment tad-drittijiet tal-art lill-komunitajiet tribali. Gangi u Sukru Bhuyan ma rċevew ebda titolu għall-plott ta' art tagħhom, mhux bħal uħud mill-ġirien tagħhom. Dawn il-biċċiet ta' karti b'naħa waħda u laminati bir-reqqa jintwerew mill-proprjetarji tagħhom b'taħlita ta' kburija u sorpriża. Is-suċċess tal-ġirien tagħhom ifisser li l-familja Bhuyan għandha t-tama.

Sa dak iż-żmien li d-delegati jiltaqgħu għall-konferenza 'Rio+20', il-familja Bhuyan jista' jkollhom biċċa karta li tiddokumenta l-proprjetà tagħhom. Dan ikun jirrappreżenta pass ċkejken fil-kuntest tal-faqar globali, l-iżvilupp tal-bniedem u l-ġejjieni sostenibbli komuni tagħna. Iżda l-għoti tas-setgħa lil familja oħra jissimbolizza l-opportunitajiet li jeżistu għal miljuni ta' familji oħrajn. F'dinja globalizzata fejn aħna lkoll konnessi ma' xulxin, dan jirrappreżenta wkoll futur aktar sigur għalina lkoll.

**Professur Jacqueline McGlade,**
Direttur Eżekuttiv



## Sfidi kumplessi f'dinja interkonnessa

Waħda mill-konklużjonijiet prinċipali fir-rapport ewlieni tal-EEA, SOER 2010, tidher pjuttost ovvja: 'l-isfidi ambjentali huma kumplessi u ma jistgħux jinftiehmu b'mod iżolat'.

Fi kliem sempliċi, dan ifisser li l-kwistjonijiet ambjentali jingħaqdu flimkien u sikwit ikunu biss parti waħda mill-jigsaw puzzle akbar tal-isfidi li qegħdin niffaċċjaw aħna u l-pjaneta tagħna. Il-verità hija li aħna qegħdin ngħixu u niddependu minn dinja interkonnessa ħafna magħmula minn ħafna sistemi distinti iżda relatati — ambjentali, soċjali, ekonomiċi, tekniċi, politiċi, kulturali u l-bqija.

Din l-interkonnettività globali tfisser li ħsara f'element wieħed tista' tikkawża impatti mhux mistennija fi bnadi oħra. Il-kriżi finanzjarja globali riċenti u l-kaos fl-avjazzjoni kkawżat minn vulkan Islandiż juru kif kollassi f'daqqa f'qasam wieħed jistgħu jaffettwaw is-sistemi kollha.

Din l-interkonnettività spiss issir referenza għaliha bħala 'globalizzazzjoni', u mhijiex fenomenu ġdid. Fl-Ewropa, il-globalizzazzjoni tatna ċ-ċans nirnexxu bħala kontinent u nieħdu rwol ekonomiku ewlieni għal żmien twil. Tul it-triq użajna ħafna mir-riżorsi naturali tagħna stess, kif ukoll dawk ta' nazzjonijiet oħrajn. L-'impronta' jew l-impatt tagħna huwa wiesa' u jestendi lil hinn mill-fruntieri tagħna.

Tabilħaqq, il-forzi ewlenin fil-qalba tal-globalizzazzjoni mistennija jkollhom influwenza kbira fuq l-Ewropa u fuq l-ambjent tagħna fil-ġejjieni. Ħafna minnhom mhumiex taħt il-kontroll tagħna. Pereżempju, il-popolazzjoni tad-dinja tista' taqbeż id-disa' biljuni sas-sena 2050, b'konsegwenzi ambjentali kbar. L-Ażja u l-Afrika x'aktarx li jkunu responsabbli għall-maġġoranza taż-żieda fil-popolazzjoni, waqt li madwar 3% biss tat-tkabbir sejjer ikun fl-aktar pajjiżi żviluppati (l-Ewropa, il-Ġappun, l-Istati Uniti, il-Kanada, l-Awstralja u n-New Zealand).

## L-isfidi ambjentali marbuta mal-forzi globali tal-bidla

Hemm firxa ta' xejriet li qegħdin jiffurmaw u li fl-istess ħin qegħdin jagħtu sura oħra lill-Ewropa u lid-dinja. Ħafna minn dawn ix-xejriet jaqgħu barra mill-influwenza diretta tal-Ewropa. Aħna nsejħu lil uħud minn dawn ix-xejriet bħala 'megatrends globali' minħabba li jolqtu dimensjonijiet soċjali, teknoloġiċi, ekonomiċi, politiċi u saħansitra ambjentali. L-iżviluppi ewlenin jinkludu t-tibdil tal-mudelli demografiċi jew l-aċċellerazzjoni tar-rati tal-urbanizzazzjoni, bidliet teknoloġiċi dejjem aktar mgħaġġlin, l-approfondiment tal-integrazzjoni tas-suq, l-evolviment tal-bidliet fil-poter ekonomiku jew il-klima li qiegħda tinbidel.

Dawn ix-xejriet għandhom implikazzjonijiet kbar ħafna għad-domanda globali għar-riżorsi. L-ibliet qegħdin jinfirxu. Il-konsum qiegħed jiżdied. Id-dinja qiegħda tistenna tkabbir ekonomiku kontinwu. Il-produzzjoni qiegħda timxi lejn ekonomiji emerġenti ġodda, li sejrin jikbru fl-importanza ekonomika tagħhom. L-atturi mhux statali jistgħu jsiru aktar rilevanti fil-proċessi politiċi globali. Barra minn hekk, huwa antiċipat tibdil teknoloġiku b'pass mgħaġġel. Din 'it-tellieqa lejn dak li mhuwiex magħruf' iġġib magħha riskji ġodda – iżda toffri wkoll opportunitajiet kbar.

L-impatti futuri ta' dawn il-'megatrends globali' fuq l-ambjent tal-Ewropa huwa s-suġġett ta' taqsima waħda tal-SOER u l-bażi ta' *Signals 2011.* Dawn ix-xejriet ewlenin għandhom implikazzjonijiet kbar ħafna għall-ambjent globali tagħna u għall-amministrazzjoni tagħna tar-riżorsi li nsibu fih. Fil-pubblikazzjoni *Signals 2011* insibu taqsimiet intitolati 'Earth 2050 global megatrend', fejn nagħtu ħarsa lejn xejra ewlenija u nevalwaw l-impatt tagħha fuq l-ambjent tal-Ewropa fil-ġejjieni.

Aħna ma nistgħux nipprevedu eżattament kif ser tkun tidher jew tħossha d-dinja fl-2050. Madankollu, ħafna xejriet huma diġà definiti sewwa. It-triq li sejrin jaqbdu minn issa 'l quddiem tiddependi mill-għażliet li nagħmlu issa. F'dak is-sens, il-ġejjieni jinsab f'idejna. Mela ejjew nagħżlu b'mod għaqli. Ulied uliedna u dawk kollha li jgħixu fl-2050 ikollhom tassew għaliex jirringrazzjawna għal dan.

Web link: SOER 2010:
**www.eea.europa.eu/soer**

Global megatrends:
www.**eea.europa.eu/soer/europe-and-the-world/megatrends**



# IS-SENA TAL-FORESTA: NIĊĊELEBRAW IL-FORESTI GĦAN-NIES

- 1.6 biljun ruħ jiddependu fuq il-foresti għall-għajxien tagħhom
- Il-foresti jospitaw 300 miljun ruħ madwar id-dinja kollha

## Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti

‘Fil-belt, inkunu mifrudin minn xulxin u l-ħajja hija perikoluża. Il-foresta hija l-post fejn twelidna u hija d-dar tagħna. Ma nistgħux inħallu dan il-post. Il-foresta tagħtina s-sigurtà li fil-belt ma teżistix,’ jgħid membru tat-tribù Soura, Orissa, fil-Lvant tal-Indja.

## Il-foresti mhumiex sempliċiment siġar: huma komunitajiet

L-2011 hija s-Sena tan-Nazzjonijiet Uniti ddedikata għall-Foresti, li tiffoka fuq in-nies li jgħixu fil foresti u jiddependu minnhom madwar id-dinja. Matul is-sena sejrin nirriflettu fuq ir rwol li jwettqu l-foresti fil-ħajja tagħna. Il-foresti huma komunitajiet magħmula minn pjanti, annimali, mikroorganiżmi, ħamrija, klima u ilma. Il-foresti huma wkoll l-interrelazzjonijiet kumplessi fost l-organiżmi (inklużi aħna) u l-ambjent li jgħixu fih.

Il-foresti jkopru aktar minn 30 % tal-wiċċ tad-dinja. Huma wieħed mill-aktar ‘imħażen’ importanti tad-diversità bijoloġika fuq l-art: il-foresta tilqa’ fiha aktar minn żewġ terzi tal-ispeċi terrestri magħrufa u l-akbar sehem ta’ speċi mhedda fid-dinja.

Il-foresti jgħinuna nibqgħu ħajjin: huma jnaddfu l-arja u l-ilma tagħna. Huma jrawmu l-ħamrija tagħna u jipprovdu lil ħafna minna b’ikel, kenn u mediċina. Il-foresti jirregolaw il-klima lokali, reġjonali u globali u jaħżnu l-karbonju li altrimenti jista’ jakkumula fl-atmosfera, u konsegwentement jikkontribwixxi għat-tisħin globali.

Min-naħa l-oħra, il-foresti huma wkoll mimlija riżorsi siewja li nistgħu nużaw aħna. Illum, il-foresti jirrappreżentaw uħud mill-għażliet ewlenin li niffaċċjaw bħala speċi. Nistgħu nibbilanċjaw ix-xewqa li nisfruttaw ir-riżorsi tal-foresti u l-art ma’ rwoli kruċjali oħrajn li jwettqu fis-sistema tas sostenn tal ħajja tal-pjaneta tagħna?

Tul il-paġni li ġejjin ser tiltaqa’ ma’ persuni interessanti li għandhom konnessjonijiet qawwija mal-foresti madwar id-dinja. Mill-Kongo sal-Indja u lura lejn l-Ewropa, ser nisimgħu stejjer dwar il-foresti u n-nies li jgħixu fihom. Iċċelebra s-sena 2011 billi taħseb dwar il-foresta lokali tiegħek u xi tfisser għalik u għall-ġenerazzjonijiet futuri



# 1. NGĦIXU F'DINJA INTERKONNESSA





# 1. NGĦIXU F'DINJA INTERKONNESSA

'…il-piż assolut tal-aspirazzjonijiet u l-istili ta' ħajja kkombinati ta' 500 miljun persuna Ewropea huwa kbir wisq. Biex ma nsemmux ix-xewqat leġittimi ta' ħafna biljuni oħrajn fuq il-pjaneta tagħna biex huma wkoll jgħixu dawk l-istili ta' ħajja.... Jeħtieġ li nbiddlu l-imġiba tal-konsumaturi Ewropej. Jeħtieġ li naħdmu fuq l-għarfien tan-nies u ninfluwenzaw id-drawwiet tagħhom.'
Janez Potočnik, Kummissarju tal-Unjoni Ewropea għall-Ambjent (Marzu 2010)

'Bħala ċittadini globali aħna lkoll marbuta mal-vjolenza li qiegħda sseħħ fil-Kongo. L-estrazzjoni ta' minerali ta' kunflitt li ssostni dan il-kunflitt tgħaqqadna lkoll flimkien.'

Margot Wallström, Rappreżentanta Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti. Tista' taqra aktar dwar il-vjolenza sesswali, il-gwerra u l-minerali fuq: eea.europa.eu/signals

Ħames snin ilu Bisie kienet ġungla. Illum il-ġurnata, Bisie, li tinsab fit-territorju ta' Wailikale, fil-Lvant tal-Kongo, hija komunità ffullata ħafna bħala riżultat tal-iskoperta tal-cassiterite, derivattiv tal-landa li huwa komponent kruċjali f-apparat elettriku ta' ħafna gadgets moderni. Dan il-materjal jintuża fit-telefons ċellulari, laptops, kameras diġitali u apparat tal-logħob.

Il-cassiterite huwa mfittex u siewi ħafna. Tabilħaqq, id-domanda tagħna għal prodotti elettroniċi tal-konsum wasslet għal żieda fil-prezz għall-mineral tal-landa. Il-prezzijiet fuq il-London Metal Exchange żdiedu minn madwar $5 000 kull tunnellata fl-2003 għal aktar minn $26 000 kull tunnellata fl-aħħar tal-2010, skont il-Financial Times.

Illum hemm domanda kbira għal firxa ta' riżorsi naturali fil-foresti u l-ġungli tal-Kongo. Madankollu, il-Kongo għadu pajjiż estremament fqir. Matul l-aħħar ħmistax-il sena, aktar minn 5 miljun ruħ mietu fil-Lvant tal-Kongo fi gwerra bejn diversi gruppi armati. Barra minn hekk, huwa stmat li ġew stuprati xejn inqas minn 300 000 mara.

Dan diġà seħħ qabel fil-Kongo, li kien ikkolonizzat ftit aktar minn 100 sena ilu mir-Re Leopold II tal-Belġju. Huwa sar wieħed mill-aktar irġiel sinjuri fid-dinja mill-bejgħ tal-gomma mill-Kongo. Dan kien iż-żmien tal-industrijalizzazzjoni u l-industrija tal-karozzi li kienet fl aqwa tagħha kienet tiddependi fuq il-gomma.

Id-domanda tagħna, li ilha teżisti, għar-riżorsi naturali għall-ikel, il-ħwejjeġ, id-djar, it-trasport u d-divertiment qiegħda dejjem tikber, l-istess bħalma l-ħażniet ta' ċerti riżorsi qegħdin jilħqu livelli baxxi b'mod kritiku.

Is-sistemi naturali huma suġġetti wkoll għal domandi ġodda, bħal pereżempju għal sustanzi kimiċi bbażati fuq il-pjanti jew għall-bijomassa biex tieħu post il-fjuwils fossili. Meħuda flimkien, dawn id-domandi dejjem jikbru fuq bażi ta' riżorsi li qiegħda tiċkien jindikaw riskji serji għall-iżvilupp tal-Ewropa.





## Żvilupp għal kulħadd

‘Id-Dikjarazzjoni tal-Millenju fis-sena 2000 kienet avveniment importanti fil-kooperazzjoni internazzjonali, li ispirat l-isforzi tal-iżvilupp li tejbu l-ħajja ta’ mijiet ta’ miljuni ta’ nies madwar id-dinja. It-tmien Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millenju (MDGs) jipprovdu struttura għall-komunità internazzjonali kollha sabiex ilkoll naħdmu flimkien lejn għan komuni.

L-għanijiet jistgħu jinkisbu, iżda t-titjib fil-ħajja tal-foqra sar bil mod wisq, b’mod mhux aċċettabbli, u wħud mir-riżultati miksuba b’tant tbatija qegħdin jisfaw fix-xejn minħabba l-kriżi tal-klima, tal-ikel u dik ekonomika.

Id-dinja tippossjedi r-riżorsi u l-għarfien biex ikun żgurat li anki l-ifqar pajjiżi u oħrajn li jibqgħu lura minħabba l-mard, l-iżolament ġeografiku jew ġlied bejn fazzjonijiet fl-istess pajjiż, ikunu jistgħu jingħataw is-saħħa li jiksbu l-MDGs. Il-ksib tal-għanijiet huwa fl-interess ta’ kulħadd. In-nuqqas ta’ dan iwassal biex joktru l-perikli fid-dinja tagħna – mill-instabbiltà għal mard epidemiku u degradazzjoni ambjentali. Iżda l-ksib tal-għanijiet ipoġġina fit-triq għal azzjoni rapida għal dinja li tkun aktar stabbli, aktar ġusta u aktar sigura.

Biljuni ta’ nies qegħdin iduru lejn il-komunità internazzjonali biex twettaq il-viżjoni kbira inkorporata fid-Dikjarazzjoni tal-Millenju. Ejjew inżommu dik il-wegħda.‘

Ban Ki-moon, Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-‘Rapport tal-2010 dwar l-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millenju’ (Nazzjonijiet Uniti, 2010)

## L-Ewropa u l-bilanċ ġdid tal-poter

Hekk kif is-seklu 21 qiegħed jimxi 'l quddiem qegħdin naraw li aktar u aktar dinamiċi globali ewlenin jinsabu barra mill-influwenza u l-kontroll tal-Ewropa. Dan għandu implikazzjonijiet f'termini tal-aċċess għar-riżorsi.

Globalment, aħna naraw inċertezza notevoli rigward il-provvista u l-aċċess għal firxa ta' riżorsi naturali kruċjali: l-ikel, l-ilma u l-fjuwils. Il-ħtieġa tal-Ewropa għar-riżorsi tista' fid-deċennji li ġejjin tintlaħaq minn dik taċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil u oħrajn, u dan ipoġġi pressjoni saħansitra akbar fuq l-ambjent.

Tabilħaqq, xi nazzjonijiet li qegħdin jiżviluppaw qegħdin f'ġirja lejn livelli ta' attività ekonomika ugwali għal dawk tal-Ewropa: il-popolazzjonijiet, il-livelli ta' konsum u l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom għandhom il-potenzjal li jissuperaw lil tagħna. It-tfittxija leġittima tagħhom biex jiżviluppaw ekonomikament u soċjalment sejra twassal għal użu akbar ta' ħażniet globali ta' materja prima. Iċ-Ċina b'mod partikolari qiegħda turi li hija esperta biex tassigura l-aċċess għal materja prima minn firxa ta' pajjiżi u reġjuni.

Il-popolazzjoni umana qiegħda tikber, it-teknoloġiji qegħdin javvanzaw u l-poter ta' atturi privati mhux governattivi, bħal kumpaniji multinazzjonali, qiegħed jespandi. Fil-kuntest tal-mekkaniżmi dgħajfa tal-governanza internazzjonali, dawn il-forzi qegħdin jheddu li jidħol il-prinċipju globali ta' 'min jaħtaf l iżjed' fl-iżgurar u l-aċċess għar-riżorsi naturali.

## Il-globalizzazzjoni: qafas għall-iżvilupp tal-bniedem

Fl-istess ħin, in-natura nnifisha tal-globalizzazzjoni tipprovdi wkoll opportunitajiet u strutturi għal riżultat differenti. Teżisti ż-żerriegħa għal governanza globali effikaċi u ġusta tal-kwistjonijiet li huma kritiċi għalina lkoll.

L-'Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju' tan-Nazzjonijiet Uniti huma sempliċiment eżempju wieħed ta' proċess politiku globali ddedikat għall-iżvilupp ġust u sostenibbli tal-bniedem.

Bl-istess mod, it-taħditiet dwar il-klima internazzjonali għamlu progress matul l-aħħar sena. Il-Ftehim ta' Kankun, li ġie ffirmat f'Diċembru 2010, jirrikonoxxi għall-ewwel darba f'dokument tan-Nazzjonijiet Uniti li t-tisħin globali għandu jinżamm taħt 2 °C, meta mqabbel mat-temperatura preindustrijali.

Il-ftehim jikkonferma li l-pajjiżi żviluppati – li l-attivitajiet industrijali u l-impronta tagħhom taw bidu għat-tibdil fil-klima kkawżat mill-bniedem – se jimmobilizzaw $100 biljun kull sena f'finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sal-2020. Huwa jistabbilixxi wkoll 'Green Climate Fund', li permezz tiegħu jiġu mqassma ħafna mill-fondi.

Innovazzjonijiet bħall-mekkaniżmu msejjaħ 'REDD+' (It-Tnaqqis tal-Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti) jippermettu li tittieħed azzjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Ebda waħda minn dawn l-attivitajiet ma tista' tkun possibbli mingħajr strutturi ta' governanza globali u spirtu ta' kooperazzjoni.

L-Unjoni Ewropea qiegħda hija wkoll tfittex li tippromwovi risposti kollaborattivi għall-isfidi u l-miri komuni. Il-Viżjoni 2020 tal-UE tistabbilixxi strateġija għat-tkabbir imfassla madwar ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva.

## Rwol dejjem jikber għall-atturi mhux governattivi

Il-proċessi politiċi globali ċertament għandhom rwol importanti xi jwettqu sabiex jiżguraw li t-tkabbir ekonomiku ma jeqridx is-sistemi naturali sottostanti. Iżda karatteristika oħra li tiddefinixxi l-globalizzazzjoni hija l-importanza dejjem tikber tal-atturi mhux governattivi, inklużi n-negozji multinazzjonali.

L-atturi mhux governattivi, bħal kumpaniji tat-telefonija ċellulari u tal-IT, ukoll għandhom rwol ewlieni xi jwettqu fit-twassil tal-iżvilupp sostenibbli. L-ewwel kumpanija li tiċċertifika l-prodotti tagħha bħala ħielsa minn minerali ta' 'kunflitt' ikollha impatt pożittiv fuq ħafna ħajjiet u potenzjal kbir ħafna fil-kummerċjalizzazzjoni.

Aħna għandna nieħdu l-eżempji innovattivi ta' riċerka u żvilupp ta' kumpaniji ewlenin u napplikawhom għall-isfidi li qegħdin niffaċċjaw aħna. Bħalma The Bill and Melinda Gates Foundation tħares lejn il-proġetti ta' għajnuna u riċerka kritika madwar id-dinja, aħna għandna nimmobilizzaw il-firxa sħiħa ta' kapaċità ta' soluzzjoni tal-problemi disponibbli għalina lejn żvilupp kontinwu u sostenibbli.

Bħala ċittadini — individwalment u permezz ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi – aħna qegħdin nimmobilizzaw ukoll. Uħud minna jinżlu fit-toroq jipprotestaw. Oħrajn qegħdin jinvestu l-ħin u l-enerġija tagħhom biex jerġgħu jiskopru l-attiviżmu tal-komunità jew l-ikel. Ħafna qegħdin jaġġustaw l-għażliet tal-konsum tagħhom biex inaqqsu l-impatti ambjentali u jiżguraw qligħ ġust għall-produtturi fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Il-punt huwa: il-globalizzazzjoni qiegħda taffettwa lilna lkoll u issa qegħdin nibdew nintebħu li m'aħniex bla poter: aħna jista' jkollna influwenza kbira fuq kif jiżviluppaw l-affarijiet.

## Niżviluppaw, noħolqu, naħdmu u nedukaw

Jeħtieġ li aħna nkomplu niżviluppaw, noħolqu, naħdmu u nedukaw lilna nfusna. Iżda jeħtieġ li nkunu aktar intelliġenti. Pereżempju, l-ewwel għan kruċjali tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju huwa li jiġi assigurat l-ambjent naturali li fuqu jiddependu l-ifqar fost il-foqra għall-għajxien tagħhom ta' kuljum.

Dan ifisser li r-riżorsi naturali għandhom jiġu ġestiti b'tali mod li jippermetti lill-komunitajiet lokali jibqgħu jgħixu, imbagħad jibbenifikaw u mbagħad javvanzaw. Din hija waħda mill-isfidi ewlenin li qegħdin niffaċċjaw globalment, kif ser naqraw fil-kapitolu li jmiss dwar ir-riżorsi u n-nies li jgħixu fil-foresti fl-Indja.

Hija sfida li aħna l-Ewropej għandna parti sostanzjali x'nilagħbu fiha. Il-ġestjoni tar-riżorsi globali b'mod sostenibbli hija importanti ħafna għal prosperità ekonomika ġusta, koeżjoni soċjali akbar u ambjent aktar b'saħħtu.

Aqra 'Pathways to a Green Economy', rapport riċenti tan-Nazzjonijiet Uniti fuq: **www.unep.org/greeneconomy**



## Innovazzjoni: minerali

### Il-ġbir ta’ dejta dattiloskopika

Fl-Istitut Federali tar-Riżorsi Naturali u x-Xjenza Ġeoloġika f’Ħanover, il-Ġermanja, Dr Frank Melcher imexxi tim li jiżviluppa mod kif jiġu ċċertifikati l-minerali li jintużaw fl-elettronika – bl-istess mod kif jiġu ċċertifikati d-djamanti. Kull wieħed mill-minerali inkwistjoni għandu ‘dejta dattiloskopika’ distinta marbuta mal-post tal-oriġini tiegħu.

‘Sabiex niġbru d-dejta dattiloskopika ta’ minerali bħall-coltan u l-cassiterite aħna ntaqqbu toqba żgħira f’dak il-kampjun,’ jispjega Dr Melcher.

‘Imbagħad niskennjaw il-kampjun għal madwar sagħtejn jew tliet sigħat. Wara nanalizzaw il-volum għall-kompożizzjoni tiegħu. Din hija d-dejta dattiloskopika. Tabilħaqq, dan huwa tipiku ħafna għal Bisie.

‘Minn kull partikola li tiġi analizzata hawnhekk, aħna nsiru nafu l-età tal-formazzjoni – l-età ġeoloġika – u nkunu nistgħu ngħidu: dan il-materjal ġej mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, jew mill-Możambik, minħabba li nkunu nafu eżattament kemm ikollhom żmien dawn il-partikoli.

‘Għalhekk, huwa teknikament possibbli li tittraċċa l-minerali, iżda dawn iridu jiġu ttraċċati meta jkunu fl istat naturali tagħhom, qabel jiddewbu f’metalli,’ żied jgħid.

Il-ħidma ta’ Dr Melcher issir bħala parti minn ftehimiet ta’ kooperazzjoni bejn il-gvernijiet tal-Ġermanja u tal-Kongo għall-proġett ‘It-tisħiħ tat-trasparenza u l-kontroll tas-settur tar-riżorsi naturali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo’. Il-ħidma, li bdiet fl-2009, tappoġġja lill-Ministeru tal-Minjieri tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo fl-implimentazzjoni ta’ sistema ta’ ċertifikazzjoni tal-minerali għal-landa, it-tungstenu, it-tantalit u d-deheb.

## Xhud: it-tifel Chance

‘Jien jisimni Chance u għandi 16-il sena. Jien għamilt tliet snin naħdem fil-minjiera ta’ Bisie. Kont smajt li ġiet skoperta minjiera qrib ta’ fejn kont noqgħod. Ridt naħdem sabiex naqla’ biżżejjed flus biex nibni d-dar tiegħi.

‘Tant trid ħin biex titkaxkar ’l isfel u terġa’ ’l fuq li xi drabi kont nibqa’ hemm isfel għal ġimgħa qabel nerġa’ nitla’. Kull xahar imutu n-nies hawnhekk, meta tikkollassa xi waħda minn dawn it-toqbiet,’ jgħid Chance.

Bisie hija l-akbar minjiera fiż-żona. Din tinsab madwar 90 kilometru ‘l ġewwa fil-qalba ta’ foresta densa u tilħaq il-100 metru taħt l-art. Il-minjieri ħafna drabi jkunu aktar minn sempliċi toqba fl-art. Għadd ta’ rġiel u subien ikunu ffullati f’kull minjiera u l-kundizzjonijiet ikunu ħżiena ħafna.

Ħames snin ilu dan il-post kien ġungla. Illum, xejn inqas minn 20 000 ruħ huma impjegati fil ġarr u t tħaffir għall-minjieri hawnhekk. Dawn jiġu mill-bogħod ħafna b’ħolma li jagħmlu l-flus. Iżda l-ispejjeż għall-għajxien tant huma għoljin minħabba t-taxxi informali mitluba minn gruppi armati li ħafna min-nies ma jaffordjawx li jerġgħu joħorġu. Hemm mijiet ta’ minjieri bħal dawn madwar il-Lvant tal-Kongo kollu. Bisie weħidha hija stmata li tipproduċi minerali b’valur ta’ $70 miljun fis-sena.

Ladarba jittellgħu fuq wiċċ l-art, il-minerali jitwasslu fi bliet bħal Ndjingala, Osakari u Mubi. Dawk li jġorruhom jimxu d-distanza ta’ 90 kilometru f’jumejn, waqt li jġorru xejn inqas minn 50 kilo kull wieħed. Kuljum ikun hemm aktar minn 600 trasportatur li joħorġu mill-foresta, b’total ta’ 30 tunnellata ta’ minerali.

Il-cassiterite minn Bisie jinxtara minn intermedjarji marbuta ma’ esportaturi u negozjanti internazzjonali li jbigħu l-minerali lil dawk li jdewbu dawn il-minerali fis-suq miftuħ. Fl-impjanti fejn jiddewbu l-minerali, il-landa tiġi rraffinata u mibjugħa jew direttament lill-manifatturi tal-istann, jew inkella permezz ta’ skambji internazzjonali tal-metall. Fl-aħħar nett, l-istann tal-landa jinbiegħ lill-manifatturi sabiex jużawh fil-produzzjoni ta’ gadgets elettroniċi.

‘L-ewwel darba li nżilt nitkaxkar minn ġot-toqba – ma stajtx nibqa’ għal ħin twil. Ma kontx imdorri noqgħod f’dik is-sħana, għalhekk stajt nibqa’ hemm isfel għal sagħtejn biss. Madankollu, kelli ninżel hemm isfel ħafna drabi oħra, naħdem ħafna u mbagħad nerġa’ nitla’.’

‘Is-sħana kienet tkun qawwija ħafna, tant li ma stajtx nissaporti. Ħrabt mill-minjiera ta’ Bisie waqt massakru. Iżda ma wettaqtx il-ħolma tiegħi – għalhekk, issa rġajt lura f’pajjiżi biex inkompli l-istudji tiegħi.’

Il-Fond Dinji għall-Ħajja Selvaġġa (WWF) isejjaħ lir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC) bħala wieħed mill-aktar ċentri importanti għall-bijodiversità fid-dinja. Id-WWF jgħid li l-isfida hija li jiġu ppriservati l-foresti tal-Kongo, l-ispeċijiet tagħhom u l-karbonju maqbud fil-foresti mistagħdra, filwaqt li jittejjeb l-għajxien tal-Kongoliżi.

Din hija sfida globali. Fir-Rapport tagħhom ta-2005 dwar l-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millenju, in-Nazzjonijiet Uniti jgħidu li ‘minkejja l-ħafna benefiċċji ta-globalizzazzjoni, kważi nofs it-2.8 biljun ħaddiem tad-dinja għadhom qegħdin jgħixu b’inqas minn $2 kuljum. Aktar minn 500 miljun minn dawn il-ħaddiema jmantnu ruħhom b’nofs dak l-ammont.’ Huwa jkompli jgħid li ‘it-tnaqqis tal-faqar jeħtieġ aktar impjiegi u xogħol aktar produttiv.

*It-test f’din it-taqsima ta’ Signals huwa parzjalment ibbażat fuq il-film dokumentarju ‘Blood in the Mobile’, bid-direzzjoni ta’ Frank Piasecki Poulsen. Congo photography copyright Mark Craemer.*

Aqra intervista mal-fotografu Mark Craemer:
**www.eea.europa.eu/signals**



# Earth 2050 global megatrend: ordni globali ġdida

## Għaliex hija importanti għalik din il-bidla fil-potenza globali?

Meta l-pajjiżi jikbru b'pass relattivament mgħaġġel, huma spiss jiggwadanjaw saħħa ekonomika minħabba s-swieq tal-produzzjoni u tal-konsum dejjem jikbru tagħhom. Huma jistgħu jeżerċitaw dak il-poter f'negozjati internazzjonali fuq kwistjonijiet ekonomiċi (bħal ostakoli għall-kummerċ u l-istandards tal-prodotti). Iżda huma jistgħu wkoll jużaw dik l-influwenza f'oqsma oħrajn, inkluż fil-kuntest tan-negozjati ambjentali.

Ir-riżorsi li jipprovdu l-enerġija lill-ekonomiji nazzjonali jinfluwenzaw ukoll il-bilanċ tal-poter. Il-pussess ta' riżorsi essenzjali jista' jkompli jtejjeb il-kompetittività u l-influwenza tal-ekonomiji emerġenti, partikolarment minħabba d-distribuzzjoni globalment irregolari tar-riżorsi. Pereżempju, huwa maħsub li aktar minn nofs il-ħażna ta' lithium tad-dinja, metall li fil-preżent huwa essenzjali għall-karozzi ibridi u dawk li jaħdmu għal kollox bl-elettriku, tinsab fil-Bolivja.

L-użu globali tan-Neodymium, li huwa materjal essenzjali għal ħafna teknoloġiji avvanzati tal-laser, huwa mistenni li jiżdied b'erba' darbiet matul it-30 sena li ġejjin. Dan l-element huwa disponibbli biss fi kwantità fiċ-Ċina. It-tkabbir fl-industriji relatati ser ikun kważi dipendenti għal kollox fuq iċ-Ċina u l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha. Il-konsegwenzi għall-Istati li jippossjedu dawn ir-riżorsi u għall-ekonomiji li jiddependu fuq l-importazzjonijiet tagħhom ser ikunu konsiderevoli.

Il-potenza globali qiegħda tinbidel. Superpotenza waħda ma għadx għandha ħakma sħiħa u l-blokki ta' potenza reġjonali huma dejjem aktar importanti, kemm ekonomikament kif ukoll diplomatikament. Hekk kif l-interdipendenza globali u l-kummerċ jespandu, l-Ewropa tista' tibbenifika jekk tespandi l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tagħha u l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien.

Il-bidliet futuri fil-poter ekonomiku jistgħu jfissru li l-UE jkollha inqas influwenza globali fil-futur. Fid-dawl tal-bidliet attwali fil-mekkaniżmi tal-governanza globali, it-tfassil ta' linji politiċi biex jirrappreżentaw l-interessi Ewropej b'mod effettiv fuq livell internazzjonali ser ikun sfida politika importanti.

### Graff 1: Materji prima magħżula

Għaliex il-kompetizzjoni intensifikata tar-riżorsi globali hija importanti għall-Ewropa? L-aċċess sigur għar-riżorsi naturali huwa fattur kruċjali għall-bażi tal-produzzjoni tal-Ewropa. L-Ewropa hija relattivament fqira fir-riżorsi u jeħtieġ li timporta ħafna mir-riżorsi li jkollha bżonn.

Għal aktar informazzjoni ara: Global megatrends: kompetizzjoni globali intensifikata għar-riżorsi:
**www.eea.europa.eu/soer/europe-and-the-world/megatrends**




Sorsi: Fraunhofer, 2009; USGS, 2004.




Sors: USGS, 2010, Sommarji tal-Komoditajiet Minerali.




Sors: USGS, 2010, Sommarji tal-Komoditajiet Minerali.

# 2. IS-SAĦĦA FI KLIMA LI QIEGĦDA TINBIDEL





# 2. IS-SAĦĦA FI KLIMA LI QIEGĦDA TINBIDEL

F'Awwissu 2007, l-awtoritajiet tas-saħħa lokali fl-Italja osservaw numru kbir ta' każijiet ta' marda mhux tas-soltu f'Castiglione di Cervia u Castiglione di Ravenna, li huma żewġ villaġġi żgħar mifrudin minn xmara. Kienu affettwati kważi 200 ruħ u miet raġel anzjan wieħed (Angelini et al., 2007).

Wara investigazzjoni dettaljata, instab li l-marda kienet iċ-Chikungunya, vajrus li jinġarr mill-insetti u li jiġi trasmess lill-bnedmin mill-*Aedes* jew *'tiger mosquito'* aktar komuni fl-Afrika u l-Ażja. Is-sors tal-infezzjoni kien ittraċċat f'raġel li kien qiegħed għal btala fir-reġjun.

Huwa maħsub li r-raġel marid kien diġà infettat qabel ivvjaġġa lejn l-Ewropa iżda mbagħad ingidem minn tiger mosquito fl-Italja. It-tiger mosquito hija vettur jew trasportatur tal-vajrus u huwa mifhum li l-insett inkwistjoni xerrdet il-vajrus lil persuna oħra fil-villaġġ. Dan wassal għal sensiela ta' reazzjonijiet, bit-tiger *mosquitoes* jigdmu nies infettati u jxerrdu l-vajrus sakemm żviluppat epidemija żgħira.

## Nisġa ta' interazzjonijiet

It-tifqigħa taċ-Chikungunya kienet tiddependi fuq nisġa komplikata ta' interazzjonijiet u kundizzjonijiet li jikxfu wħud mir-riskji għas-saħħa u l-isfidi li qegħdin niffaċċjaw f'dinja globalizzata. It-turiżmu, it-tibdil fil-klima, il-kummerċ, iċ-ċaqliq tal-ispeċijiet u s-saħħa pubblika lkoll kellhom sehem fis-sitwazzjoni.

Huwa maħsub li t-*tiger mosquito* ġiet introdotta fl-Ewropa permezz ta' firxa ta' prodotti importati – minn pjanti ornamentali bħal 'lucky bamboo' sa tajers użati. Il-larva tan-nemusa nstabet f'ħafna partijiet tal-Ewropa, iżda tgħix biss fuq barra f'pajjiżi aktar sħan fin-Nofsinhar, jew fis-serer aktar lejn it Tramuntana – pereżempju fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Id-Deni Dengue u d-Deni tal-Punent tan-Nil jinstabu wkoll fl-Ewropa u jiġu trasmessi wkoll minn gidmiet tan-nemusa. Skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) fi Stokkolma, l-Isvezja, mill-ewwel tifqigħa kbira fir-Rumanija fl-1996, l-infezzjoni tad-Deni tal-Punent tan-Nil kienet rikonoxxuta bħala kawża ewlenija ta' tħassib għas-saħħa pubblika fl-Ewropa. Bħalissa ma hija disponibbli ebda tilqima u l-miżuri ta' prevenzjoni ewlenin huma mmirati biex inaqqsu l-espożizzjoni għall-gdim tan-nemusa.

## Produzzjoni intensiva tal-ikel

Jista' jkun li aħna qegħdin noħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għat-tixrid tal-marda infettiva – kundizzjonijiet li qabel ma kinux jeżistu. L-industrijalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-ikel, pereżempju, hija kawża għal tħassib ewlieni. Permezz tat-tgħammir intensiv ta' tip wieħed ta' annimal, inkunu qegħdin nirriskjaw li nipproduċu 'monokulturi' bi ftit varjabbiltà ġenetika. Dawn l-annimali huma suxxettibbli ħafna għal mard li jinħoloq minn iġjene ħażina jew infezzjoni minn annimali selvaġġi, bħal għasafar. Ladarba jkun fil-monokultura, il-mard jista' jinbidel faċilment u jinxtered saħansitra fost dawk li jaħdmu mal-annimali inkwistjoni. L-użu eċċessiv tal-antibijotiċi sar metodu aċċettat ta' kumpens għan-nuqqas ta' reżistenza naturali – prattika li tista' tikkawża l-problemi tagħha stess.

'L-agrikoltura effiċjenti moderna, l-istess bħas-saħħa pubblika, tħares lejn ix-xjenza u l-mediċina sabiex tilħaq uħud mid-domandi ta' dinja globalizzata. Għalkemm ħafna minna bbenifikaw mill-agrikoltura moderna permezz ta' provvisti tal-ikel irħas u abbundanti, hija tista' twassal ukoll għal pressjonijiet u problemi mhux previsti,' jgħid Dr Marc Sprenger, id-Direttur tal-ECDC.

‘Pereżempju, bħala riżultat tal-użu estensiv tal-antibijotiċi fl-agrikoltura, l-effettività tagħhom tista’ tonqos hekk kif il-bakterja ssir aktar reżistenti, li tista’ potenzjalment tħalli impatt fuq il-bnedmin ukoll,’ jgħid Dr Sprenger.

## Il-ħtieġa ta’ stampa sħiħa fl-era tat-tibdil fil-klima

L-ispeċijiet ġodda u l-mard ġdid li jaslu fl-Ewropa huma biss uħud mill-impatti tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa. Ħafna aktar impatti ambjentali u soċjali jistgħu fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem permezz tal-bidliet fil-kwalità u l-kwantità tal-ilma, l-arja u l-ikel, u x-xejriet mibdula tat-temp, l-ekosistemi, l-agrikoltura u l-għajxien.

It-tibdil fil-klima jista’ wkoll jaggrava l-problemi ambjentali eżistenti, bħat-tniġġis tal-arja, u jfixkel il-provvisti sostenibbli tal-ilma u s-servizzi sanitarji.

Il-mewġa ta’ sħana fl-Ewropa fis-sajf tal-2003, b’lista ta’ mwiet li taqbeż is-70 000 ruħ, enfasizzat il-ħtieġa għall-adattament għal klima li qiegħda tinbidel. L-anzjani u persuni b’mard partikolari huma f’riskju ogħla, u l-gruppi żvantaġġjati tal-popolazzjoni huma aktar vulnerabbli. Fiż-żoni urbani ffullati, bil kisi qawwi tal-ħamrija bil bini u b’uċuh tal-art li jassorbu s-sħana, l-effetti tal-mewġiet tas-sħana jistgħu jiġu aggravati minħabba t-tkessiħ insuffiċjenti bil-lejl u ċ-ċirkolazzjoni ħażina tal-arja.

Għall-popolazzjonijiet fl-UE, il-mortalità ġiet stmata li tiżdied b’1–4 % għal kull żieda ta’ grad fit-temperatura ’l fuq minn punt ta’ cut-off (lokalment speċifiku). Matul is-snin għoxrin ta’ dan is-seklu, iż-żieda stmata fil-mortalità relatata mas-sħana li tirriżulta mit-tibdil previst fil-klima tista’ taqbeż il-25 000 fis-sena, l-aktar fir-reġjuni fiċ-ċentru u fin-Nofsinhar tal-Ewropa.

### Innovazzjoni: l-ambjent u s-saħħa

### L-isforzi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għandhom itejbu l-kwalità tal-arja

Il-pakkett ta’ Azzjoni dwar il-Klima u l-Enerġija Rinnovabbli (CARE) tal-Unjoni Ewropea huwa maħsub biex:

- inaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b’20 % sal-2020
- iżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli b’20 % sal-2020
- itejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija b’20 % sal-2020

L-isforzi meħtieġa sabiex jintlaħqu dawn il-miri għandhom inaqqsu wkoll it-tniġġis tal-arja fl-Ewropa. Pereżempju, it-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u ż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli għandhom iwasslu għal tnaqqis fil-kombustjoni tal-fjuwil fossili – sors prinċipali tat-tniġġis tal-arja. Dawn l-effetti sekondarji pożittivi ssir referenza għalihom bħala l-’kobenefiċċji’ tal-politika dwar it-tibdil fil-klima.

Ġie stmat li l-pakkett imsemmi hawn fuq ser inaqqas l-ispiża annwali għall-ilħuq tal-miri tal-UE dwar it-tniġġis tal-arja b’biljuni ta’ euros. Barra minn hekk, l-iffrankar għas-servizzi tas-saħħa Ewropej jista’ jkun daqs sitt darbiet akbar minn hekk.

'Id-diskussjoni li tgħaqqad is-saħħa, l-użu tal-art, l-agrikoltura, it-turiżmu, il-kummerċ u t-tibdil fil-klima jeħtieġ li tiżviluppa b'mod immaġinattiv. Jista' jkun li bħalissa m'aħniex qegħdin nagħmlu konnessjoni xierqa bejn is-saħħa pubblika u l-ambjent jew it-tibdil fil-klima,' jgħid Dr Sprenger.

'Pereżempju, dan l-aħħar jien żort dipartiment tas-saħħa u staqsejt min kien inkarigat mill-kwistjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima u qaluli li fil-fatt ma kien hemm ħadd. B'dan m'iniex qiegħed ngħaddi ġudizzju fuq xi dipartiment jew awtorità partikolari, iżda fl-istess waqt dan juri li jeħtieġ li nbiddlu l-mod kif naħsbu dwar dawn il-problemi, minħabba li dawn huma kollha konnessi ma' xulxin,' jgħid Dr Sprenger.

'Is-sistemi tas-saħħa pubblika għandhom jibdew jadattaw u jinfetħu għall-possibbiltà ta' mard ġdid u kundizzjonijiet klimatiċi ġodda. F'mument partikolari, in-nies jistgħu jingħataw dijanjożi ħażina għaliex it-tabib tagħhom ma jkunx familjari ma' vajrus ġdid. Ħafna pazjenti jkunu jidhru u jinħassu li għandhom vajrus tal-influwenza. Aħna neħtieġu għodod ġodda sabiex inkunu nistgħu nindirizzaw l-isfidi ġodda bħat-taħriġ, u l-faċilitajiet bħal laboratorji għandhom ikunu flessibbli u adattabbli,' kompla jgħid.

Żur is-sit elettroniku tal-ECDC:
**www.ecdc.europa.eu**

Għal aktar informazzjoni u lista sħiħa tar-referenzi, irreferi għas-*Sinteżi ta' SOER 2010.*

Għal intervista sħiħa ma' Dr Sprenger, żur is-sit elettroniku ta' Signals:
**www.eea.europa.eu/signals**



## Speċijiet invażivi

It-*tiger mosquito* tal-Ażja jew l-*Aedes albopictus* hija waħda mill-aktar eżempji mifruxa ta' 'speċi invażiva'. Il-firxa tradizzjonali tagħha hija mill-Pakistan sal-Korea ta' Fuq. Illum il-ġurnata tinstab mad-dinja kollha u ġiet deskritta bħala 'l-aktar nemusa invażiva fid-dinja'.

In-nemusa hija biss eżempju wieħed ta' theddida ferm usa' għall-bijodiversità tal-Ewropa, billi l-ispeċijiet barranin jew mhux indiġeni jiġu stabbiliti u jinfirxu madwar il-kontinent bħala riżultat tal-attivitajiet tal-bniedem. L-ispeċijiet barranin jistgħu jinstabu fl-ekosistemi Ewropej kollha. Il-globalizzazzjoni, partikolarment iż-żieda fil-kummerċ u t-turiżmu, wasslet għal żieda fin-numru u t-tip ta' speċijiet barranin li jaslu fl-Ewropa.

Fl-Ewropa ġew irreġistrati madwar 10 000 speċijiet barranin. Xi wħud, bħall-patata u t-tadam, ġew introdotti bi skop u għadhom ekonomikament importanti sal-lum. Speċijiet oħrajn, imsejħa 'speċijiet barranin invażivi', jistgħu joħolqu problemi serji għall-ġardinaġġ, l-agrikoltura u l-forestrija, bħala organiżmi li jġorru l-mard jew billi jikkawżaw ħsarat f'kostruzzjonijiet bħal bini u digi.

L-ispeċijiet barranin invażivi jbiddlu wkoll l-ekosistemi li jgħixu fihom u jaffettwaw lill-ispeċijiet l-oħrajn f'dawk l-ekosistemi. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika tidentifika l-ispeċijiet barranin invażivi bħala waħda mit-theddidiet ewlenin għall-bijodiversità madwar id-dinja.

# Earth 2050 global megatrend: il-bidliet fix-xejriet tal-mard

Is-saħħa hija fundamentali għall-iżvilupp tal-bniedem u aħna qegħdin dejjem aktar inqisu l-ambjent bħala fattur prinċipali li jiddetermina s-saħħa tal-bniedem. Globalment, is-saħħa tjiebet matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, bl istess pass mat-titjib fl-istennija tal-għomor. Madankollu, il-piż tal-mard huwa mqassam b'mod irregolari fost il-popolazzjoni, li jvarja, pereżempju, bejn is-sessi u l-istatus soċjali u ekonomiku.

Matul il-50 sena li ġejjin, il-megatrends globali tas-saħħa ser jibqa' jkollhom rilevanza diretta u indiretta għat-tfassil tal-politika Ewropea, partikolarment billi jinkoraġġixxu l-investiment fit-tħejjija għall-mard u l-pandemiji emerġenti.

## Għaliex ix-xejriet tas-saħħa globali huma importanti għalik?

L-impatti tas-saħħa fuq l-Ewropa jistgħu jkunu diretti. Ir-riskji ta' espożizzjoni għal mard ġdid, emerġenti u emerġenti mill-ġdid, għal inċidenti u għal pandemiji ġodda jiżdiedu bil-globalizzazzjoni (pereżempju, permezz tal-ivvjaġġar u l-kummerċ), id-dinamika tal-popolazzjoni (bħall-immigrazzjoni u x-xjuħija) u l-faqar.

Iż-żieda tar-reżistenza għall-antibijotiċi u mediċini oħrajn, u n-negliġenza fit-trattament ta' ħafna mard tropikali jagħtu wkoll lok għal tħassib fil-pajjiżi żviluppati u f'dawk li qegħdin jiżviluppaw.

It-teknoloġija tista' taqdi rwol importanti biex tappoġġja t-titjib fis-saħħa. Hija tista' wkoll tiffaċilita l-monitoraġġ spazjali tax-xejriet tas-saħħa, billi tippermetti l-identifikazzjoni u l-analiżi tax-xejriet ġeografiċi tal-mard li qabel kienu ġew injorati.

Il-possibbiltà tal-espożizzjoni għal mard ġdid, emerġenti u emerġenti mill-ġdid, għal inċidenti u għal pandemiji ġodda, tikber maż-żieda fil-mobilità tan-nies u l-oġġetti, it-tibdil fil-klima u l-faqar.

### Graff 2: Is-saħħa, il-malarja sal-2050

Il-*Plasmodium falciparum* hija parassita li tikkawża l-malarja fil-bnedmin. Hija tiġi trasmessa minn nemusa. It-tibdil fil-klima u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-art ifissru li n-nemusa tista' tinxtered lejn żoni ġodda u ġġorr il-malarja magħha. Madankollu, hija tista' wkoll tmut u tisfaxxa fix-xejn f'żoni eżistenti. Iż-żoni ta' fejn dehret u ta' fejn għabet din in nemusa huma kważi indaqs u għandhom kważi l-istess numru ta' abitanti (madwar 400 miljun f'kull waħda).



Id-distribuzzjoni attwali tal-malarja *falciparum* [1]

Klima mhux addattata għall-organiżmi u l-parassiti sal-2050 (fejn il-malarja tista' tgħib għal kollox)

Klima addattata għall-organiżmi u l-parassiti sal-2050 (fejn il-malarja tista' titfaċċa) [2]

[1] Il-*Plasmodium falciparum* huwa parassita li jikkawża l-malarja fil-bniedem. Dan jiġi trasmess permezz tan-nemusa Anopheles. Id-distribuzzjoni attwali tirrappreżenta l-limitu massimu tad-distribuzzjoni tal-parassita u l-organiżmu tiegħu.

[2] Iż-żoni ta' fejn tista' titfaċċa u tgħib huma kważi indaqs u għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess ammont ta' abitanti (madwar 400 miljun f'kull waħda). Dawn is-suppożizzjonijiet huma bbażati fuq ix-xenarju tal-HadCM2 ta' klima għolja.

Sorsi: Rogers, D. u Randolph, S., 2000, *The Global Spread of Malaria in a Future, Warmer World (It-Tixrid Globali tal-Malarja f'Dinja Futura u Aktar Sħuna);* Ahlenius, H., 2005, Librerija UNEP/GRID-Arendal tal-Mapep u tal-Grafika.

# 3. NAQSMU R-RIKKEZZI TAN-NATURA




NATION
WEST BENGAL
Carrier

# 3. NAQSMU R-RIKKEZZI TAN-NATURA

**Minn fost it-8.2 biljun tunnellata ta' materjali kkonsmati fis-27 pajjiż tal-UE fl-2007, il-minerali kienu jammontaw għal 52 %, il-fjuwils fossili għal 23 %, il-bijomassa għal 21 % u l-metalli għal 4 %.**

*SOER 2010*

Eluf ta' kilometri lil hinn mill-Ewropa, fl-Istat ta' Orissa, mrekkna mal-Bajja ta' Bengal, jgħaddu eluf ta' trakkijiet li jagħmlu ħafna storbju. Dan huwa l-Lvant tal-Indja, il-fawwara leġġendarja tal-ġid minerali tal-Indja u sors ewlieni ta' materjali għat-tkabbir industrijali globali fil-passat. Il-ġid minerali f'din il-parti tal-Indja għadu fost l-aktar importanti fid-dinja u jista' jkun li r-rivoluzzjoni industrijali tagħha għadha biss fil bidu.

In-nies tribali li jgħixu fil-foresta hawnhekk għandhom ħafna x'jitilfu u ftit x'jiggwadanjaw. It-tribujiet tal-foresta mhumiex imħarsa sewwa – id-drittijiet tagħhom qatt ma ġew stabbiliti jew rikonoxxuti kif suppost. F'villaġġ tribali żgħir li jinsab fil-qalba tal-foresti li jkopru d-distrett ta' Gajapati, il-koppja miżżewġa Gangi Bhuyan u żewġha Sukru Bhuyan jgħixu mal-familja żagħżugħa tagħhom fil-foresta u madwarha.

Għal madwar ħames xhur tas-sena huma jitimgħu lill-familja tagħhom mill-plott ta' art ta' madwar tomna u nofs li jikkultivaw fit-tarf tal-foresta madwar Raibada, il-villaġġ tagħhom. Matul dan iż-żmien, huma jaħsdu wkoll ħxejjex, żrieragħ, frott, mediċina u materjali tal-bini (bħal ħaxix) mill-foresta. Għal erba' xhur oħra, il foresta tkun il-provvista tal-ikel prinċipali tagħhom. Mingħajr il-foresta jispiċċaw imutu bil-ġuħ. Għat-tliet xhur li jifdal, huma jkunu sforzati jemigraw lejn żoni urbani kbar bħal Bangalore jew Mumbai fejn jaħdmu xogħol manwali.

## Il-ġid taħt l-art – il-faqar fuqha

Orissa, li tinsab fil-Lvant peninżulari tal-Indja fuq il-Bajja ta' Bengal, hija mogħnija b'varjetà ta' minerali. Tabilħaqq, l-Istat huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar Stati għonja fir-riżorsi fil-pajjiż. F'termini ta' kwalità, il-minerali li nsibu f'Orissa huma meqjusa fost l-aqwa fid-dinja.

Bl-abbundanza ta' riservi tiegħu, li fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom ma ġewx esplorati, ta' faħam, ħadid mhux maħdum, bauxite, chromite, franka, dolomit, manganiż, granit, landa, nikil, vanadju u ħaġar prezzjuż, dan l-Istat qiegħed jesperjenza qabża enormi fl-industrijalizzazzjoni. Għal xi ftit minerali partikulari, Orissa tikkostitwixxi wkoll sehem sinjifikanti tar-riservi tad-dinja, mhux biss f'termini ta' kwantità iżda wkoll ta' kwalità. Huwa għalhekk li l-kumpaniji internazzjonali qegħdin fil-kju biex jiksbu aċċess.

Uħud mill-minerali jintużaw fl-Indja stess, iżda ammont imdaqqas ta' minerali jmorru xi mkien ieħor: iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Afrika ta' Isfel, ir-Russja, il-Korea ta' Isfel, il-Korea ta' Fuq, it-Tajlandja, il-Malasja, l-Indonesja, l-Ukraina, in-Nepal u l-Istati Uniti u, ovvjament, l-Unjoni Ewropea (Ota, A.B.,2006).

## Il-qasmiet tad-dinja globali tagħna

Orissa, bil-kombinazzjoni tagħha ta' ġid taħt l-art u faqar fuqha, hija xempju ta' bosta qasmiet fid-dinja globali tagħna. Hawnhekk jiltaqgħu flimkien l-inugwaljanza, il-ġirja sfrenata għar-riżorsi naturali u l-immigrazzjonijiet sforzati. Waqt li t-tħaffir fil-minjieri f'Orissa jġib benefiċċji ekonomiċi għaż-żona, dan il-qligħ ma jinqasamx b'mod ugwali. Għat-tribujiet tal-foresta, il prezz huwa għoli minħabba li d-djar tagħhom jinsabu fil-periklu hekk kif il-kumpaniji tal-minjieri qegħdin dejjem aktar ifittxu li jiksbu aċċess għall-art tagħhom.

Sittin fil-mija tal-popolazzjonijiet tribali ta' Orissa jgħixu fuq art li taħtha jinsab midfun il-ġid minerali. Madankollu, tradizzjonalment, huma ma għandhom ebda rekord ta' drittijiet fuq din l-art. Għal xi żmien kienu ġew spustati n-nies tribali biex ikunu jistgħu jsiru l-proġetti ta' żvilupp, inklużi l-attivitajiet fil-minjieri. Iżda l-iskala tal-ispustament inbidlet fl-aħħar deċennji, bl-iżviluppi ekonomiċi mill-1991 'il hawn iżidu l-għadd u t-tixrid tal-ispustamenti (Ota, A.B., 2006).



## L-impatti dejjem jiżdiedu tal-użu tar-riżorsi tal-Ewropa

Fl-Ewropa, aħna niddependu ħafna fuq ir-riżorsi naturali biex nistimolaw il-ġid u l-iżvilupp ekonomiku tagħna. L-użu tagħna tar-riżorsi issa jaqbeż id-disponibbiltà lokali u qegħdin niddependu dejjem aktar fuq ir-riżorsi minn bnadi oħra fid-dinja.

Fil-fatt, aktar minn 20 % tal-materja prima li nużaw fl-Ewropa huma importati. Barra minn hekk, aħna nużaw ħafna aktar materja prima indirettament, billi nimportaw ukoll prodotti lesti magħmula fi bnadi oħra.

Id-dipendenza tagħna fuq l-importazzjonijiet hija partikolarment serja fir-rigward tal-karburanti u l-prodotti tal-minjieri. Iżda l-Ewropa hija wkoll importatur nett tal-għalf u ċ-ċereali għall-produzzjoni tal-laħam u l-ħalib fl-Ewropa. Barra minn hekk, aktar minn nofs il-provvisti tal-ħut tal-UE huma importati; wara li eżawrejna l-istokkijiet tal-ħut tagħna stess, issa qegħdin nagħmlu l-istess fi bnadi oħra.

Il-pressjonijiet ambjentali relatati mal-estrazzjoni tar-riżorsi u l-produzzjoni ta' oġġetti ta' kummerċ – bħall-iskart iġġenerat, jew l-ilma u l-enerġija użati – jaffettwaw lill-pajjiżi tal-oriġini. L-impatti tar-riżorsi jistgħu jkunu sinjifikanti – fil-każ ta' kompjuters jew telefons ċellulari dawn jistgħu jkunu fuq skala ta' bosta gradi ta' importanza akbar mill-prodott innifsu. Madankollu, minkejja l-importanza tagħhom, dawn il-pressjonijiet rari jkunu riflessi fil-prezzijiet jew sinjali oħrajn li jiggwidaw lill-konsumaturi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Eżempju ieħor tar-riżorsi naturali inkorporati fil-prodotti ta' kummerċ huwa l-ilma meħtieġ fir-reġjuni fejn jitkabbru ħafna prodotti tal-ikel u tal-fibra li jiġu esportati. Tali produzzjoni tirriżulta f'esportazzjoni indiretta u sikwit impliċita tar-riżorsi tal-ilma. Pereżempju, 84 % tal-użu tal-ilma relatat mal-qoton tal-UE isir barra l-UE, l-aktar f'reġjuni fejn l-ilma huwa skars, b'irrigazzjoni intensiva.

Aqra aktar u sib lista sħiħa ta' referenzi fl-SOER 2010:
**www.eea.europa.eu/soer/synthesis**

## Fejn imorru l-benefiċċji tan-natura

L użu tar-riżorsi naturali huwa marbut ma' firxa ta' kwistjonijiet ambjentali u soċjoekonomiċi. L-Ekonomija tal-Ekosistemi u l-Bijodiversità (il-proċess TEEB) – analiżi ewlenija tal-importanza ekonomika globali tal-bijodiversità – tixħet dawl fuq ir-rabtiet bejn it-telf tal-bijodiversità u l-faqar.

Ir-riċerkaturi tat-TEEB fittxew li jidentifikaw il-benefiċjarji immedjati ta' ħafna mis-servizzi tal-ekosistemi u l-bijodiversità. 'It-tweġiba', jikteb Pavan Sukhdev, Kap tal-Inizjattiva għal Ekonomija Ħadra tal-UNEP, 'hija li dawn huma l-aktar il-foqra. L-aktar mezzi ta' għajxien affettwati huma l-biedja ta' sussistenza, it-trobbija tal-annimali, is-sajd u x-xogħol informali fil-foresti – il-maġġoranza tan-nies foqra fid-dinja huma dipendenti fuqhom' (KE, 2008).

L-impatt tat-telf tal-bijodiversità fl-Indja għandu wkoll implikazzjonijiet serji għan-nisa, minħabba li dan jaffettwa severament ir rwol tagħhom bħala dawk li jiġbru l-prodotti mill-foresta. L-istudji fir-reġjuni tribali ta' Orissa u Chattisgarh irreġistraw kif id-deforestazzjoni rriżultat f'telf ta' mezzi ta' għajxien, nisa li jkollhom jimxu distanza ta' erba' darbiet aktar biex jiġbru l-prodotti tal-foresta u fin-nuqqas ta' aċċess tagħhom għal pjanti mediċinali li ġew eżawriti. Dan it-telf inaqqas id-dħul, iżid l-istrapazz u jaffettwa s-saħħa fiżika. Hemm ukoll evidenza li turi li l-istatus relattiv tan-nisa fi ħdan il-familja huwa ogħla f'villaġġi afforestati tajjeb, fejn il-kontribut tagħhom għad-dħul tal-familja jkun akbar milli f'villaġġi li għandhom nuqqas ta' riżorsi naturali (Sarojini Thakur, 2008).

Fl-Ewropa, aħna ta' spiss inkunu protetti mill-impatti diretti tad-degradazzjoni ambjentali – għall-inqas għal żmien qasir. Iżda għan-nies foqra li jiddependu direttament fuq l-ambjent għall-ikel u l-kenn, l-effetti jistgħu jkunu gravi. Dawk l-aktar dgħajfa fis-soċjetà sikwit ikollhom iġorru l-akbar piż mill-qerda tas-sistemi naturali, waqt li jgawdu ftit jew xejn mill-benefiċċji.

It-telf annwali mill-kapital naturali huwa tipikament stmat għal ftit punti perċentwali, ftit li xejn impressjonanti, tal-PDG. Madankollu, jekk nerġgħu nesprimu dawn f'termini umani, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-ekwità u l-għarfien tagħna ta' fejn suppost imorru l-benefiċċji tan-natura – jiġifieri għall-foqra – imbagħad l-argument għat-tnaqqis ta' tali telf jikseb saħħa konsiderevoli.

Dan il-punt japplika madwar id-dinja kollha. Huwa jirrigwardja d-dritt tan-nies foqra tad-dinja għal flussi tal-għajxien min-natura, li jikkomprendu nofs il-benesseri tagħhom jew aktar, u li huma jsibuha impossibbli biex jissostitwixxu (KE, 2008).



## Il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistema

Il-kunċetti ta' 'kapital naturali' u 'servizzi tal-ekosistema' huma fil-qalba tad-diskussjonijiet dwar ir-relazzjoni tal-umanità mal-ambjent. Sabiex nifhmuhom, ikun utli li nikkunsidraw fil-fatt x'jagħmlu għalina s-sistemi naturali.

Ħu l-foresti, pereżempju. Il-foresti jistgħu jipprovdu kull xorta ta' ikel: frott, għasel, faqqiegħ, laħam u l-bqija. Jekk ikunu ġestiti tajjeb, dawn jistgħu jipprovdu fluss sostenibbli ta' riżorsi, bħal injam, għall-ekonomija. Iżda l-foresti jagħmlu wkoll ħafna aktar minn hekk. Pereżempju, is-siġar u l-veġetazzjoni jgħinu sabiex jiżguraw klima b'saħħitha lokalment u globalment billi jassorbu s-sustanzi li jniġġsu u l-gassijiet b'effett ta' serra. Il-ħamrija tal-foresti tiddekomponi l-iskart u tippurifika l-ilma. Barra minn hekk, in-nies sikwit jivvjaġġaw 'il bogħod biex igawdu s-sbuħija u t-trankwillità tal-foresti, jew biex jipprattikaw passatempi bħall-kaċċa.

Dawn is-servizzi kollha — li jipprovdu ikel u fibra, li jirregolaw il-klima u l-bqija – huma siewja. Aħna jkollna nħallsu ħafna għal magni li jistgħu jagħmlu l-istess ħaġa. Għal dik ir-raġuni, għandna naħsbu dwar l-ekosistemi bħala forma ta' kapital, li jipprovdi servizzi lill-proprjetarju iżda sikwit ukoll lil persuni oħrajn fil-qrib u 'l bogħod (bħal fil-każ tar-regolazzjoni tal-klima). B'mod kruċjali, jeħtieġ li aħna nżommu l-kapital naturali tagħna — billi ma nisfruttawx iżżejjed l-ekosistema u billi ma nikkawżawx tniġġis eċċessiv — jekk irridu li jkompli jipprovdi dawn is-servizzi siewja ħafna.

## Il-valur tal-bijodiversità fil-foresti tagħna

Ir-raġuni primarja għat-telf tal-bijodiversità tal-foresti hija li l-valur tagħha mhuwiex mifhum sewwa. Pereżempju, id-deċiżjoni li ettaru ta' foresta għani fil-bijodiversità jiġi konvertit għall-agrikoltura jew il-kostruzzjoni, ġeneralment tkun ibbażata fuq il-benefiċċji immedjati. Ftit li xejn tingħata attenzjoni lill-ħafna servizzi ekoloġiċi li ma jitkejlux u li huma pprovduti minn dawn l-ekosistemi.

### *Il-mediċina fil-foresti tal-Indja*

Minbarra l-flora u l-fawna għonja, l-Indja għandha wkoll wieħed mill-aktar patrimonji għonja ta' pjanti mediċinali fid-dinja. Daqs 8 000 speċi ta' pjanti jintużaw regolarment bħala mediċina min-nies tal-Indja, b'bejn 90 u 95 % minn dawn il pjanti ġejjin mill-foresti. Inqas minn 2 000 minn dawn il-pjanti huma ddokumentati uffiċjalment fis-sistema Indjana tal-mediċina. L-informazzjoni dwar il-bqija mhijiex iddokumentata u hija trasmessa biss bil-fomm u bħala għarfien tradizzjonali. Huma biss 49 speċi li qegħdin jintużaw fil-mediċina moderna.

Il-bijodiversità hija forma ta' assigurazzjoni kontra l-mard tal-bniedem – bank ta' għarfien li jippossjedi kura potenzjali għal mard bħall-kanċer jew l-AIDS. Pereżempju, il-qoxra tas-siġra ċinkona fiha mediċina li tintuża fil-ġlieda kontra l-malarja. B'mod kritiku, aħna spiss ma nkunu nafu xejn dwar it-telf li ġġarrab is-soċjetà meta tiġi estinta xi speċi.

Din it-taqsima hija bbażata fuq ir-rapport *Green accounting for Indian states project: the value of biodiversity in India's forests* (Gundimeda et al., 2006).

## Is-setgħa li wieħed jibqa' fejn ikun

Il-globalizzazzjoni ta' spiss tkun ikkaratterizzata miċ-ċaqliq – ta' persuni, prodotti, ġid u għarfien, pereżempju. B'mod ġenerali, li wieħed jibqa' fejn ikun, ma jiċċaqlaqx, ma jitqiesx fost id-drittijiet umani li aħna nagħtuhom prijorità. Iżda n-nies tal-foresta ta' Orissa u ħafna oħrajn spiss iħaddnu dan biss: li jkunu jistgħu jibqgħu fejn qegħdin, fejn għandhom l-ikel u l-kenn, kif ukoll il-kuntatti mal-familja u r-relazzjonijiet tribali tagħhom. Il-foresti huma l-post fejn ġenerazzjonijiet sħaħ ħassewhom protetti u siguri.

Tabilħaqq, hekk kif mewġa kbira ta' nies qegħdin jiċċaqilqu lejn l-ibliet u ż-żoni urbani, aħna għandna nibdew naħsbu dwar l-għoti tas-setgħa lin-nies biex jibqgħu fejn qegħdin.

## Xhud: l-Att dwar id-Drittijiet tal-Foresti – l-għoti ta’ kapaċità lil dawk li ma għandhom ebda setgħa

Minkejja l-industrijalizzazzjoni mgħaġġla, hemm tama għat-tribujiet tal-foresta ta’ Orissa. Fl-1 ta’ Jannar 2009, il-Parlament Indjan daħħal fis-seħħ l-Att dwar id-Drittijiet tal-Foresti, sena wara li oriġinarjament għadda fil-Parlament. L-Att jagħti lil dawk li jgħixu fil-foresti d-dritt li jitolbu l-pussess legali tal-art li għexu fuqha u li kkultivaw għal ġenerazzjonijiet sħaħ.

‘Iż-żamma tan-nies fuq l-art fiż-żoni fejn għexu għal ġenerazzjonijiet sħaħ hija importanti ħafna. Meta jitilqu, huma jitilfu l-integrità tal-villaġġ. Il-foresta tbati wkoll minħabba li titlef l-għassiesa tagħha u tisfa miftuħa għall-iżvilupp u l-qerda. Ir-rabtiet soċjali jitkissru wkoll,’ jgħid Dipankar Datta, Direttur u Maniġer tal-Pajjiż għal Concern Worldwide — aġenzija ta’ għajnuna internazzjonali li taħdem f’dan il-qasam.

Bil-għajnuna ta’ diversi aġenziji mhux governattivi, Gangi u Sukru Bhuyan (li ssemmew hawn fuq) għamlu talba skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Foresti biex ikollhom il-plott żgħir tagħhom rikonoxxut. Sa issa għadhom ma rċevew ebda tweġiba. Il-ġar tagħhom Mohan Mandol irċieva tweġiba. B’riżultat ta’ dan, huwa issa għandu titolu, laminat bir-reqqa, għall-plott tiegħu. ‘Dan jagħtini sigurtà. Ħadd ma jista’ jikkorrompini jew jhedded li jkeċċini minn hawnhekk,’ huwa jgħid.

Il-villaġġ għamel ukoll applikazzjoni kollettiva għal drittijiet għas-sezzjoni tal-foresta fejn huma jiġbru l-ikel, il-materjal tal-bini u l-provvisti tal-mediċina. Sa issa għadhom ma rċevew ebda dritt kollettiv u għalhekk għadhom suxxettibbli għal fastidju mill-uffiċjali tal-foresti, mill-gvern lokali u mill-kumpaniji tal-minjieri.

L-art tingħata skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Foresti bil-kundizzjoni li l-individwu jew il-villaġġ jieħu ħsieb dik l-art. It-titolu jista’ jgħaddi għand il-membri tal-familja iżda ma jistax jinbiegħ.

‘Il-foresti jkunu fil fatt f’qagħda aħjar meta l-gruppi tribali jibqgħu jgħixu fihom. Ġeneralment, huma jikkultivaw biċċa żgħira ta’ art fis-saffi ta’ isfel tal-art fit-tarf tal-foresta u sempliċiment jaħsdu dak li huwa disponibbli fil-foresta mingħajr ma jħawlu jew jagħmlu ħsara fil-pjanti eżistenti,’ jgħid Sisir Pradhan, li wkoll jaħdem għal Concern Worldwide f’Orissa.



## Earth 2050 global megatrend: kompetizzjoni globali intensifikata għall-ħażniet dejjem jonqsu tar-riżorsi

L-Ewropa kif tista' tibqa' tgħix fil-ġirja intensifikata għar-riżorsi skarsi? It-tweġiba tista' tinsab fi produzzjoni u użu tar-riżorsi aktar effiċjenti, teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni u ż-żieda tal-kooperazzjoni mal-imsieħba barranin.

### Għaliex ir-riżorsi huma importanti għalik?

L-aċċess sigur għar-riżorsi huwa kruċjali għall-Ewropa. L-Ewropa hija relattivament fqira fir-riżorsi u għalhekk jeħtieġ li timporta ħafna minnhom. Dan huwa partikolarment minnu jekk wieħed iqis it-tkabbir kontinwu fid-domanda għall-enerġija u għar-riżorsi meħtieġa sabiex jinstabu soluzzjonijiet ta' teknoloġija avvanzata.

**Materja prima (pereżempju minerali):** L-iskarsezza dejjem tikber, fuq medda ta' żmien fit tul, tal-minerali u l-metalli, jistgħu jwasslu lill-Ewropa biex iddur għal sorsi li sa issa kienu meqjusa bħala mhux ekonomiċi. L-espansjoni tal-minjieri għandha bosta effetti ambjentali, inkluż tibdil fil-pajsaġġi, it-tniġġis tal-ilma u l-ġenerazzjoni tal-iskart. Ir-riżervi minerali ta' kwalità aktar ħażina jistgħu jfissru li l-isfruttar ta' sorsi bħal dawn ikun inqas effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

**Riżorsi naturali (pereżempju uċuħ tar-raba' għall-ikel):** Popolazzjoni akbar u aktar sinjura sal-2050 timplika domanda għal produzzjoni agrikola darbtejn ogħla mil-lum. Din jista' jkollha impatti f'termini ta': it-telf tal-ekosistemi naturali, il-ħsara fis-servizzi tal-ekosistemi, inkluż iċ-ċiklu tal-karbonju u tal-ilma, u impatti fuq il-forniment tal-ikel u l-fibra.

**Messaġġ ewlieni:** Il-ħażniet ta' riżorsi naturali fid-dinja diġà qegħdin jonqsu. Popolazzjoni globali akbar u aktar sinjura bi ħtiġijiet akbar ta' konsum joħolqu domanda akbar għal ħafna affarijiet, fosthom l-ikel, l-ilma u l-enerġija.

Fil-ġejjieni, iż-żieda tad-domanda u n-nuqqas ta' provvista jistgħu jintensifikaw il-kompetizzjoni globali għar-riżorsi.

*SOER 2010: valutazzjoni tematika – il-konsum u l-ambjent*

**Graff 3: It-tibdil fiż-żona tal-art agrikola**

Il-popolazzjoni tad-dinja tista' tikber b'mod sinjifikanti matul id-deċennji li ġejjin u d-dieti qegħdin jinbidlu miċ-ċereali għal-laħam hekk kif il-ġid qiegħed ikompli jiżdied. Skont in-Nazzjonijiet Uniti (UNFAO), id-domanda għall-ikel, l-għalf u l-fibri tista' tiżdied b'70 % sal-2050. Din għandha implikazzjonijiet konsiderevoli għall-użu tal-art u l-ekosistemi naturali.

Għal aktar informazzjoni ara: Global megatrends: il-ħażniet dejjem jonqsu tar-riżorsi naturali: **www.eea.europa.eu/soer/europe-and-the-world/megatrends**




Sors: OECD, 2008, Perspettiva Ambjentali tal-OECD sal-2030.

# 4. KONSUM B'MOD INSOSTENIBBLI





NGLISH RESTAURANT
AIR CONDITIONED
1979

# 4. KONSUM B'MOD INSOSTENIBBLI

**Messaġġ ewlieni:** Raġuni ewlenija għaliex il-konsum jaffettwa lill-ambjent b'mod negattiv u jikkawża użu eċċessiv tar-riżorsi hija minħabba li l-ispejjeż għas-soċjetà tad-degradazzjoni ambjentali u tar-riżorsi, mhumiex riflessi b'mod sħiħ fil-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi. Ħafna prodotti huma rħas minkejja li qegħdin jagħmlu ħsara lill-ambjent, lill-ekosistemi jew lis-saħħa tal-bniedem.

*SOER 2010*

'Darba waħda, tard filgħaxija, beda tiela' d-duħħan fuq ir-razzett tagħna. Ma kinitx xi xena sabiħa. L-irmied beda nieżel bħal borra,' jgħid Guðni Þorvaldsson, li jmexxi r-razzett tal-familja fin-Nofsinhar tal-Islanda, 8 km biss bogħod mill-vulkan Eyjafjallajökull.

'Kellna ndaħħlu n-nagħaġ, il-ħrief u wħud miż-żwiemel ġewwa. In-nagħaġ kellhom jiġu ċċekkjati kull tliet sigħat minħabba li kien l-istaġun meta jitwieldu l-ħrief. Kollox kien griż. L-akbar biċċiet ta' rmied kienu ta' 3 ċm. Jien ħallejt il-marki ta' saqajja fih bħallikieku kien borra.'

Guðni Þorvaldsson u l-bqija tal-popolazzjoni Islandiża kienu mħejjija b'mod eċċezzjonali għall-eruzzjoni enormi tal-vulkan Eyjafjallajökull f'Marzu 2010. Sistema ta' monitoraġġ sofistikata li tuża teknoloġija globali ta' pożizzjonar bis-satellita tkejjel kontinwament il-vulkani attivi fl-Islanda. Il-qari taċ-ċifri mill-istrumenti ssuġġerixxa li l-vulkan kien qiegħed jikber fil-għoli tiegħu – sinjal ċar ta' attività vulkanika ġewwa l-muntanja. Barra minn hekk, kien hemm attivitajiet ta' monitoraġġ oħrajn li kkonfermaw dan. Ikkombinat ma' sistema effettiva ta' informazzjoni pubblika, dan juri kemm tista' tkun siewja l-informazzjoni ambjentali.

Il-bqija tad-dinja forsi ma kinitx daqshekk imħejjija. L-impatti saru globali fi ftit jiem, l-aktar bħala riżultat tas-sħaba kbira ta' rmied li fformat u l-impatti tagħha fuq it-traffiku tal-ajru. L-irmied iċċaqlaq f'għoli ta' bejn 20 000 u 36 000 pied – l-istess firxa ta' altitudni li jużaw l-ajruplani tal-passiġġieri. L-ispazju tal-ajru fuq l-Ewropa ngħalaq, li wassal biex titjiriet skedati lejn l-Ewropa minn postijiet 'il bogħod, bħal Sydney, kellhom jitħassru. L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru stmat li l-linji tal-ajru kienu qegħdin jitilfu $200 miljun kuljum fi dħul.

F'din is-sitwazzjoni ġiet affettwata kważi kull industrija li tiddependi fuq it-trasport bl-ajru. Fil-Kenja, pjanti, fjuri u ħxejjex imkabbra għas-suq Ewropew tħassru taħt is-sħana qawwija tax-xemx b'telf ta' miljuni ta' Euro. Huwa stmat li matul l-ewwel ftit jiem wara l-eruzzjoni, intremew għaxar miljun fjura, l-aktar ward. Ħxejjex bħal spraġ, brokkli u fażola ħadra ġew mitmugħa lill-baqar minflok sabu ruħhom fuq l-imwejjed tal-ikel Ewropej. Il-provvisti fl-Ewropa tat-tonn frisk mill-Vjetnam u l-Filippini bdew jonqsu b'ħeffa.

Is-skiet mhux tas soltu fis smewwiet fuq l-Ewropa f'April 2010 serva biex ifakkar fl-ammont kbir ta' traffiku li normalment ikun hemm fl-ajru. Stejjer dwar fjuri u ħxejjex imħassrin fil-Kenja jfakkruna minn fejn ġejjin uħud mill-fjuri u l-ħxejjex tagħna. Tabilħaqq, l-eruzzjoni wriet b'mod ċar il-konnettività bejn uħud mis-sistemi ewlenin – dawk magħmula mill-bniedem u dawk naturali – li jirfdu s-soċjetà globalizzata tagħna.

## L-impronta l-kbira tagħna

L-Impronta Globali (‘Global Footprint’) hija waħda minn għadd ta’ miżuri li jintużaw biex juru d-domandi li l-umanità qiegħda tpoġġi fuq il-pjaneta. L-impronta għandha l-limitazzjonijiet tagħha, iżda hija wkoll kunċett relattivament faċli biex jinftiehem: hija tikkalkula ż-żona ta’ art u ta’ baħar meħtieġa biex tipprovdilna r-riżorsi li nużaw u biex tassorbi l-iskart tagħna.

Fl-2003, l-Impronta Globali tal-Unjoni Ewropea kienet ta’ 2.26 biljun ettaru globali jew 4.7 ettaru globali għal kull persuna. B’kuntrast ma’ dan, iż-żona produttiva totali tal-Ewropa kienet ta’ 1.06 biljun ettaru globali jew 2.2 ettari globali għal kull persuna (WWF, 2007).

Li kieku ċ-ċittadini kollha tad-dinja kellhom jgħixu kif jgħixu l-Ewropej, l-umanità jkollha bżonn aktar minn żewġ pjaneti u nofs sabiex jipprovdu r-riżorsi li nikkonsmaw aħna, biex jassorbu l-iskart tagħna u jifdal ftit spazju għall-ispeċijiet selvaġġi (WWF, 2007).

## L-Earth Overshoot Day

L-Earth Overshoot Day jimmarka l-jum fil-kalendarju meta l-konsum tar-riżorsi ekoloġiċi mill-umanità f’dik is-sena jkun ugwali għal dak li tista’ tipproduċi n-natura fi 12-il xahar. Huwa l-jum meta l-but tal-ħlas kollettiv tagħna jsib il-qiegħ u jkollna nibdew nissellfu mingħand il-pjaneta.

Fl-2010, in-Netwerk tal-Impronta Globali (Global Footprint Network) ikkalkula li sal-21 ta’ Awwissu l-umanità kienet użat dawk is-servizzi ekoloġiċi kollha – mill-filtering tas-$CO_2$ sal-produzzjoni tal-materja prima għall-ikel – li n-natura setgħet tipprovdi b’mod sigur għal dik is-sena kollha. Mill-21 ta’ Awwissu sal-aħħar tas-sena, id-domandi ekoloġiċi tagħna ntlaħqu bl-użu tal-ħażniet tar-riżorsi u l-akkumulazzjoni tal-gassijiet b’effett ta’ serra fl-atmosfera.

**Kont taf?** Ċittadin medju Ewropew juża madwar erba’ darbiet aktar riżorsi minn wieħed fl-Afrika u tliet darbiet aktar minn wieħed fl-Ażja, iżda nofs ta’ wieħed fl-Istati Uniti, il-Kanada jew l-Awstralja.

*SOER 2010*

## Is-sostenn tad-drawwiet tagħna

Kemm l-‘Impronta Globali’ kif ukoll l-‘Earth Overshoot Day’ huma stimi approssimattivi. Iżda aħna nafu fiċ-ċert li d-domanda tagħna għar-riżorsi naturali madwar id-dinja żdiedet b’mod tremend matul dawn l-aħħar għexieren ta’ snin. Il-forzi ewlenin kienu ż żieda fil-popolazzjoni, il-ġid u l-konsum. Ħafna mit-tkabbir tal-popolazzjoni sar fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, filwaqt li l-ogħla livelli ta’ ġid u konsum jinsabu fil-pajjiżi żviluppati.

Fl-Ewropa aħna qegħdin inżommu d-defiċit ekoloġiku tagħna – id-differenza bejn l-impronta tagħna u l-kapaċità bijoloġika tagħna – billi nimportaw prodotti u servizzi minn barra l-fruntieri tagħna. Aħna nesportaw ukoll parti mill-iskart tagħna. Essenzjalment, qegħdin insiru dejjem aktar inqas awtosuffiċjenti.

Bħala riżultat tat-tkabbir tal-kummerċ globali, sehem dejjem jikber tal-pressjonijiet u l-impatti ambjentali kkawżati mill-konsum fil-pajjiżi tal-UE qegħdin jinħassu fi bnadi oħra. Waqt li parti minn dan iċ ċaqliq isir hija bejn il-pajjiżi tal-UE, parti kbira jseħħ barra mill-UE

u ’lil hinn mill-mandat tal-linji politiċi attwali relatati mal-produzzjoni tal-UE. Dan ifisser li aħna qegħdin nesportaw l-impatti tal-konsum tagħna lil pajjiżi fejn il-politika ambjentali sikwit tkun sottożviluppata – li effettivament tpoġġi l-popolazzjonijiet u l-ambjent lokali taħt pressjoni kbira ħafna.

Id-domanda tagħna qiegħda tikkawża impatti kbar u irriversibbli fuq l-ekosistemi globali: kull sena qegħdin jitqaċċtu 130 000 km² ta’ foresta tropikali. Barra minn hekk, mill-1960, terz tal-art agrikola tad-dinja ġiet abbandunata jew eżawrita bħala riżultat tal-esplojtazzjoni eċċessiva u d-degradazzjoni tal-ħamrija. *

## Inkissru ċ-ċiklu

Jeħtieġ li nikkontribwixxu aħjar sabiex nibbilanċjaw il-ħtieġa li nippriservaw il-kapital naturali mal ħtieġa li nużawh biex nistimolaw l-ekonomija. Rispons ewlieni hawnhekk huwa li nżidu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tagħna. Meta nirrikonoxxu li, bħalissa, id-domandi tagħna fuq is-sistemi naturali huma insostenibbli, nifhmu li bażikament jeħtieġ li nagħmlu aktar b’inqas riżorsi.

Inkoraġġanti huwa l-fatt li dan huwa qasam fejn l-interessi tas-setturi ambjentali u kummerċjali jidhru li huma allinjati: in-negozji jirnexxu jew jiddgħajfu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jieħdu l-valur massimu mill-inputs, bħalma l-preservazzjoni tad-dinja naturali u l-benesseri tal-bniedem tiddependi fuq l abbiltà tagħna li nagħmlu aktar bi fluss limitat ta’ riżorsi.

L-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi hija issa inizjattiva ewlenija fl-UE – element kruċjali tal-istrateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ sal-2020. L-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tikkombina l-prinċipji ta’ negozju tajjeb ma’ prattika ambjentali tajba billi tagħmel aktar filwaqt li tnaqqas l-iskart. Dan bħal meta tikkombina dieta aktar tajba għas-saħħa ma’ sistema ta’ eżerċizzji – wara ftit titgħallem li tista’ tgħaddi b’inqas u saħansitra tista’ tibda tħossok aħjar.

* Għal aktar informazzjoni ara l-valutazzjonijiet tematiċi tal-SOER: il-konsum u l-ambjent: **www.eea.europa.eu/soer/europe/consumption-and-environment**

## Il-kapaċità tal-akkwist

Il-konsum tagħna, pereżempju, mill-ikel, is-sewqan jew it-tisħin tad-djar tagħna, iwassal direttament għal pressjonijiet ambjentali. Madankollu, ta' importanza akbar huma l-pressjonijiet indiretti li qegħdin jinħolqu tul il-ktajjen tal-produzzjoni tal-prodotti u s-servizzi kkonsmati. Dan jista' jkun ġej mill-impatti mill-minjieri jew mill-ħsad, l-użu tal-ilma għat-tkabbir tal-uċuħ tar-raba', jew mill-ħsara li ssir fil-bijodiversità lokali mill-biedja jew it-tniġġis intensivi.

Madankollu, bħala konsumaturi, aħna nistgħu ninfluwenzaw l-impatti ambjentali tagħna, pereżempju billi nixtru ikel u fibri prodotti b'mod sostenibbli.

Madwar id-dinja, il-produzzjoni organika u l-'biedja ta' konservazzjoni' qegħdin jiksbu popolarità u suċċess. L-Inizjattiva 'Conservation Cotton' hija biss eżempju wieħed ta' approċċi sostenibbli għall-produzzjoni li jnaqqsu l-impatti fuq l-ambjenti lokali.

## Innovazzjoni: il-ħwejjeġ

## L-Inizjattiva 'Conservation Cotton'

Il-Conservation Cotton Initiative Uganda (CCIU) inħolqot mill kumpanija EDUN imnebbħa minn prinċipji ta' ġustizzja li tipproduċi l ħwejjeġ. flimkien mal-Wildlife Conservation Society u l Invisible Children sabiex tibni komunitajiet ta' biedja sostenibbli fl-Uganda.

'Is-CCIU hija bbażata f'waħda mill-ifqar żoni tal-Uganda, id-Distrett ta' Gulu, żona li għadha qiegħda tirkupra minn gwerra ċivili, li spustat miljuni ta' nies minn djarhom. Il-Programm CCIU jgħin lill-bdiewa li jirritornaw lejn arthom billi jipprovdi fondi, għodod u taħriġ bil-għan li jinbena negozju sostenibbli tal-qoton,' tgħid Bridget Russo, Direttriċi tal-Kummerċjalizzazzjoni Globali fil-kumpanija EDUN.

Il-bdiewa huma mħarrġa biex jestendu l-għelieqi tagħhom billi jkabbru kombinazzjoni ta' uċuħ tar-raba' rotazzjonali għall-ikel sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet bażiċi tal-familji tagħhom, u qoton, prodott tar-raba' għall-bejgħ li għalih hemm domanda internazzjonali. Bħalissa hemm 3 500 bidwi li qegħdin jibbenifikaw mill-Programm CCIU u hemm pjanijiet biex dawn jiżdiedu għal 8 000 matul it-tliet snin li ġejjin.

Din il-kollaborazzjoni għandha l-għan li ttejjeb l-għajxien tal-komunitajiet fl-Afrika billi tappoġġja lill-bdiewa sabiex jaħsdu l-qoton ta' konservazzjoni b'mod sostenibbli.

# Earth 2050 global megatrend: it-tkabbir ekonomiku, aktar milli t-tkabbir tal-popolazzjoni, ser ikun il-forza ewlenija tal-konsum

Il-popolazzjoni globali ser tkun għadha qiegħda tikber fl-2050, iżda b'pass aktar bil-mod minn fil-passat. In-nies ser ikomplu jgħixu aktar fit-tul, ikunu edukati aħjar u jemigraw aktar. Xi popolazzjonijiet ser jiżdiedu, filwaqt li oħrajn jonqsu. L-emigrazzjoni hija biss wieħed mill-prospetti imprevedibbli għall-Ewropa u d-dinja.

## Għaliex id-demografija globali hija importanti għalik?

It-tkabbir tal-popolazzjoni jinfluwenza ħafna mill-megatrends globali. L-istabbilizzazzjoni tal-popolazzjoni umana – li mistennija sseħħ fit-tieni nofs ta' dan is-seklu – mhijiex ser issolvi l-problemi tad-dinja iżda tista' tgħin fl-isforzi lejn żvilupp sostenibbli.

Popolazzjoni li tkun qiegħda tikber iżżid l-użu tar-riżorsi naturali, it-tniġġis ambjentali u bidliet fl-użu tal-art bħall-urbanizzazzjoni. Il-bidliet fix-xejriet demografiċi globali jkollhom impatti diretti fuq l-ambjent Ewropew permezz tat-tibdil fil-klima u l-konsum tar-riżorsi.

Il migrazzjoni minn barra l-Ewropa tista' tikkumpensa sa ċertu punt għat-tnaqqis naturali tal-popolazzjoni u l-forza tax-xogħol tal-Ewropa, iżda tkun teħtieġ interventi politiċi sostanzjali fil-livelli reġjonali u nazzjonali.

L-idea li l-popolazzjoni żejda ser tkun kawża primarja tal-kriżi planetarja qiegħda tiġi kkontestata. Din mhijiex kwistjoni li hemm wisq minna biex jiġu sostnuti mill pjaneta, iżda li l-istili ta' ħajja fl għadd dejjem jikber ta' ekonomiji industrijalizzati qegħdin jitolbu aktar riżorsi milli tista' tipproduċi l-pjaneta. L-użu tar-riżorsi naturali huwa xprunat aktar mit-tkabbir ekonomiku milli mit-tkabbir tal-popolazzjoni f'numru dejjem jikber ta' reġjuni.

### Graff 4: Bidla fil-konsum tal-klassi tan-nofs

Klassi tan-nofs globali akbar fis-sena 2050 tkun tfisser kapaċità tal-infiq akbar

F'dan l-istudju, il-klassi tan-nofs hija definita f'termini ta' livelli ta' konsum: Huwa l-grupp ta' familji li jonfqu bejn 10 u 100 Dollaru Amerikan kuljum (f'parità tal-kapaċità tal-infiq).

Għal lista sħiħa ta' referenzi ara: Global megatrends: ngħixu f'dinja urbana: **www.eea.europa.eu/soer/europe-and-the-world/megatrends**




F’dan l-istudju, il-klassi tan-nofs hija definita f’termini ta’ livelli ta’ konsum: hija l-grupp ta’ familji li jonfqu bejn 10 u 100 dollaru Amerikan għal kull persuna kuljum (fil-parità tal-kapaċità għall-infiq).

Sors: Kharas H., 2010, The emerging middle class in developing countries (Il-klassi tan-nofs il-ġdida fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw).

# 5. L-ISFIDA TAT-TNIĠĠIS





# 5. L-ISFIDA TAT-TNIĠĠIS

‘Il-ġonna u t-toroq kienu miksija b’madwar 15-il ċm ta’ tajn aħmar. In-nies kienu qegħdin jippruvaw ineħħuh minn djarhom u mill-affarijiet tagħhom bl-ilma u s-sapun. Oħrajn kienu sempliċiment qegħdin jippakkjaw ħwejjiġhom. F’dak il-lejl, jien ippruvajt naħsel il-bwiez tal-lastku tiegħi biex inneħħi t-tajn iżda ma stajtx. Dak il-kulur aħmar bl-ebda mod ma seta’ jitlaq,’ jgħid Gábor Figeczky, aġent kap tal-Fond Dinji għan-Natura fl-Ungerija.

Fl-4 ta’ Ottubru 2010 seħħ wieħed mill-agħar inċidenti ta’ tixrid tossiku fl-Ewropa ta’ dawn l-aħħar snin qrib il-belt ta’ Ajka fil-Kontea ta’ Veszprem, l-Ungerija, madwar 160 km fil-Lbiċ ta’ Budapest. Bħala konsegwenza tal-waqgħa tad-diga tat-tarf ta’ ġibjun għal impjant li jintuża għall-produzzjoni tal-aluminju, ħareġ ammont kbir ta’ tajn tal-alkalina li għerreq żona wiesgħa li kienet tinkludi tliet villaġġi. Il-konsegwenzi fit-tul tal-avveniment għadhom mhumiex magħrufa (EEA, 2010).

Dan huwa biss eżempju wieħed tal-isfidi li qegħdin niffaċċjaw f’termini tat-tniġġis mill-attività industrijali. It-tixrid taż-żejt fil-Golf tal-Messiku, li beda f’April 2010, huwa episodju ieħor iddokumentat tajjeb ta’ tniġġis fl-istess sena. Dawn huma eżempji drammatiċi; madankollu, ħafna minna niġu f’kuntatt ma’ xi forma ta’ tniġġis fil-ħajja tagħna ta’ kuljum.

## Insawru d-dinja u l-mekkaniżmi tagħha

L-impatti tal-bniedem fuq l-ambjent żdiedu b’mod kostanti. Qabel, l-impatti tagħna kienu primarjament jinħassu lokalment. Madankollu, fl-aħħar ftit deċennji, rajna l-impatti jinfirxu mar-reġjuni – bħal ngħidu aħna x-xita aċiduża. U issa, it-tibdil fil-klima, pereżempju, qiegħed ikollu impatti global.

It-terminu ‘anthropocene’, ibbażat fuq il-kelma Griega ‘anthropos’ li tfisser ‘bniedem’, beda jintuża biex jiddeskrivi l-era tagħna. Dan minħabba li l-użu tar-riżorsi mill-bniedem u t-taħlita kumplessa ta’ sustanzi li jniġġsu li rriżultat, saru forza dominanti, li ssawwar id-Dinja u l-mekkaniżmi li jirregolawha.

Bħalna, l-ambjent tagħna huwa vulnerabbli għat-tniġġis. Ħafna drabi huwa jista’ jassorbi r-riżultati mhux mixtieqa tal-attivitajiet tagħna – it-tniġġis u l-iskart – u maż-żmien ibiddilhom f’sustanzi li ma jagħmlux ħsara. Tabilħaqq, din il-kapaċità li jassorbi u jittrasforma s-sustanzi li jniġġsu hija wieħed mis-servizzi essenzjali li l-ekosistemi f’saħħithom iwettqu għalina. Iżda l-ekosistemi għandhom kapaċità limitata f’dan ir-rigward. Jekk ngħabbuhom iżżejjed inkunu qegħdin nirriskjaw li nagħmlu ħsara lilhom u lill-ispeċijiet li jgħixu fihom — inklużi aħna stess.

## Ħarsa aktar mill-qrib lejn tliet sustanzi li jniġġsu

Jekk nikkonċentraw fuq tliet tipi biss ta’ sustanzi li jniġġsu, inkunu nistgħu nieħdu ftit idea tal-impatti serji li qed ikollna fuq il-pjaneta tagħna: il-partikuli, in-nitroġenu u l-ożonu fil-livell tal-art. Dawn jixirqilhom attenzjoni partikolari minħabba l-effetti kumplessi u potenzjalment estensivi tagħhom fuq il-funzjonament tal-ekosistema, ir-regolazzjoni tal-klima u s-saħħa tal-bniedem. U huma spiss xprunati mill-istess forzi komuni, pereżempju, l-industrijalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni u l-konsum dejjem jiżdied.

L-emissjonijiet ta’ ħafna sustanzi li jniġġsu l-arja naqsu b’mod sostanzjali matul dawn l-aħħar deċennji fl-Ewropa, u l-politika tal-arja hija waħda mill-istejjer ta’ suċċess kbir tal-isforzi ambjentali tal-UE. B’mod partikolari, din il-politika naqqset l-emissjonijiet tas-sulfur, li huwa l-komponent prinċipali tax-‘xita aċiduża’, b’mod drammatiku.



Madankollu, aħna qegħdin inkomplu ngħabbu lill-ambjent b'tagħbija dejjem aktar kumplessa ta' sustanzi li jniġġsu, li l-effetti potenzjali tagħhom fuq is-saħħa pubblika u l-ambjent mhumiex mifhuma tajjeb. Huwa stmat li bejn 70 000 u 100 000 sustanza kimika jinsabu diġà fil-kummerċ u dan in-numru qiegħed jikber b'pass mgħaġġel. Kważi 5 000 minn dawn is-sustanzi huma prodotti f'volumi kbar, b'aktar minn miljun tunnellata fis-sena.

- Il-materja ta' partikuli, terminu li jintuża biex jiddeskrivi varjetà ta' partikuli żgħar ħafna minn sorsi bħad-dħaħen tal-vetturi u ħiters domestiċi, taffettwa l-pulmun. L-espożizzjoni fit-tul u fl-ogħla livell tista' twassal għal varjetà ta' effetti fuq is-saħħa, li jvarjaw minn irritazzjoni minuri tas-sistema respiratorja sa mewt qabel iż-żmien.

- It-tniġġis tan-nitroġenu jaffettwa l-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art u jwassal għall-ewtrofikazzjoni tal-ilma ħelu u l-ekosistemi tal-baħar. Wara l-applikazzjoni tad-demel u l-fertilizzanti fl-art agrikola, in-nutrijenti żejda jistgħu joħorġu fl-arja jew inixxu bħala nitrat fl-ilma ta' taħt l-art jew jiskulaw mal-ilma tal-wiċċ. Din it-tagħbija ta' tniġġis tal-ilma ħelu finalment tintrema fl-ibħra kostali, fejn jista' jkollha konsegwenzi serji.

- Għalkemm jaġixxi bħala saff protettiv fil-għoli fuq id-dinja, l-ożonu ($O_3$) jista' jagħmel il-ħsara. It-terminu 'Ożonu fil-livell tal-art' jirreferi għall-ożonu fl-arja qrib il-wiċċ tal-art. Dan ma joħroġx direttament fl-arja iżda jifforma meta jitħalltu flimkien sustanzi oħrajn. L-espożizzjoni għall-ożonu fil-livell tal-art jista' jkollha implikazzjonijiet serji fuq is-saħħa tan-nies u tista' tnaqqas il-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba'. Il-produttività u l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet tal-ħabitats naturali jistgħu jinbidlu, tant li jpoġġu l-bijodiversità f'riskju.

## Inżommu għajnejna fuq id-Dinja

Fil-kuntest ta' din l-isfida dejjem aktar kumplessa tat-tniġġis, l-informazzjoni hija importanti ħafna għal skopijiet xjentifiċi u ta' tfassil tal-politika. Madankollu, l-EEA hija impenjata wkoll li tipprovdi aċċess lill-pubbliku ġenerali għal informazzjoni ambjentali rilevanti, f'waqtha u li tista' tinftiehem. Fi kliem sempliċi, aħna rridu ninvolvu lin-nies fid-djalogu u nagħtuhom is-setgħa.

Għal ħafna mill-utenti, ovvjament, id-dejta mhux ipproċessata tista' tkun xi ftit jew wisq mingħajr tifsira. L-għan huwa li din issir aċċessibbli f'formats li jkunu aċċessibbli u rilevanti. B'ħidma flimkien ma' Microsoft, l-EEA qiegħda timplimenta dawn l-ideat. It-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni jfissru li – f'post wieħed – issa nistgħu niġbru, norganizzaw u niksbu aċċess għal dejta ta' tipi differenti minn għadd potenzjalment kbir ta' sorsi.

Il-pjattaforma ġdida 'Eye on Earth' tipprovdi informazzjoni dwar l-ilma tal-għawm lokali u l-kwalità tal-arja, ibbażata fuq dejta qrib il-ħin reali mill-istazzjonijiet ta' monitoraġġ u l-immudellar bil-kompjuter. Hija taqleb id-dejta xjentifika pjuttost 'xotta' u kumplessa f'format li huwa rilevanti għal u jista' jinftiehem minn aktar minn 500 miljun ċittadin tal-UE, fl-aħħar mill-aħħar f'25 lingwa.

Water Watch, pereżempju, tagħti lill-utenti aċċess faċli għal informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kwalità tal-ilma miksuba minn 21 000 punt ta' monitoraġġ f'postijiet tal-għawm f'27 pajjiż Ewropew. Bl-użu tat-Teknoloġija Virtwali tal-'Earth Mapping' tal-Microsoft, dawk li jżuru s-sit jistgħu jiffokaw fuq żona magħżula tal-mappa tal-Ewropa online jew, alternattivament, jistgħu jittajpjaw isem ta' bajja partikolari fil-kaxxa tat-tfittxija.

## Innovazzjoni: l-eżempju tal-enerġija

‘Qisek sibt labra f’munzell ħuxlief’ huwa kif Ocean Nutrition Canada tiddeskrivi l-iskoperta li għamlet il-kumpanija ta’ mikroorganiżmu moħbi fl-alka li kapaċi jipproduċi ż-żejt tat-tip triacylglycerol — bażi għall-ġenerazzjoni tal-bijofjuwil — b’rata ta’ 60 darba aktar minn tipi oħrajn ta’ alka li kienet tintuża qabel.

Billi jikkonvertu d-dijossidu tal-karbonju u d-dawl tax-xemx f’lipidi (aċidi grassi) u żjut, ċerti tipi ta’ alka jistgħu jiġġeneraw sa 20 darba aktar fjuwil għal kull 3.6. tomniet ta’ art mill-uċuħ tar-raba’ tradizzjonali.

Dan il-proġett huwa biss eżempju wieħed tar-riċerka li qiegħda ssir dwar l-għażliet ġodda tal-karburanti madwar id-dinja. Il-mikroalka b’ċellola waħda fiha żjut simili għaż-żjut veġetali li diġà ntużaw b’suċċess bħala bijofjuwils. Dan iż-żejt tal-alka jista’ tabilħaqq ikun l-aktar soluzzjoni li tirrispetta l-ambjent disponibbli biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju li nħallu warajna kull darba li nsuqu karozza, nixtru frott li jinġieb mill-bogħod jew nivvjaġġaw bl-ajru.

Kuntrarju għall-fjuwils fossili, li jarmu l-karbonju, il-mikroalka tikkonsma d-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) fl-atmosfera hija u tikber. B’riżultat ta’ dan, il-fjuwil tal-alka ma jiżdiedx mal-emissjonijiet netti tal-karbonju.

Barra minn hekk, kuntrarju għal sorsi oħrajn ta’ bijofjuwil bħal qamħirrun, il-mikroalka ma teħtieġx l-iżvijar tal-art agrikola mill-produzzjoni tal-ikel. Fil-fatt, skont il-Kunsill Nazzjonali tar-Riċerka tal-Kanada – fuq quddiem nett f’dan il-qasam tar-riċerka, xenarju ideali jkun li l-mikroalka tiġi kkultivata fl-ilma muniċipali li jintrema, li huwa mimli fertilizzanti bħall-ammonja u l-fosfati. Id-dijossidu tal-karbonju jista’ jiġi ddevjat mix-xaftijiet ta’ ventilazzjoni industrijali sabiex jiġi pprovdut is-sors tal-karbonju. Ebda sors ieħor ta’ bijofjuwil ma jista’ jitkabbar b’dan il-mod.

Ocean Nutrition Canada hija fil-fatt kumpanija li tipproduċi supplimenti tal-ikel u kienet qiegħda tfittex ingredjenti ġodda meta għamlet l-iskoperta tagħha. Din ir-realtà turi perfettament, kemm il-potenzjal kif ukoll il-kunflitti li ser niffaċċjaw fil-ġejjieni. Għandna nużaw uċuħ tar-raba’/riżorsi biex nitimgħu lilna nfusna jew biex noħolqu l-fjuwil? Nistgħu noħolqu innovazzjonijiet fit-triq tagħna ’l quddiem?

Eye on Earth tagħti wkoll lill-membri tal-pubbliku ċ-ċans li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-kwalità tal-bajjiet, tal-ilma u tal-arja, billi jissupplimentaw u jivvalidaw (jew forsi jikkonfutaw) l-informazzjoni uffiċjali. Din il-komunikazzjoni f'żewġ direzzjonijiet hija pass importanti lejn l-involviment ta' xulxin u l-għoti tas-setgħa lil xulxin.

Matul is-snin li ġejjin, aħna nittamaw li nkomplu ntejbu s-servizz tagħna, b'tipi ġodda ta' informazzjoni, li jkunu ġejjin kemm mill-monitoraġġ xjentifiku kif ukoll minn sorsi oħrajn, inklużi perspettivi lokali jew indiġeni.

Żur is-sit elettroniku ta' Eye on Earth fuq:
**www.eyeonearth.eu**

## L-Ewropa qiegħda tiġġedded

L-aċċess sigur għar-riżorsi naturali huwa kruċjali għall-Ewropa. Dan huwa partikolarment minnu fil-kuntest tad-domanda għall-enerġija globali, fejn l-iskarsezza akbar tal-fjuwils fossili tista' tistimula bidla għal sorsi tal-enerġija li huma disponibbli lokalment.

Bidla għal sorsi tal-enerġija ġodda tista' taffettwa l-ambjent tal-Ewropa. L-impatti potenzjali jinkludu ż-żieda fit-teħid tal-art għall-bijofjuwils, it-tfixkil tal-ekosistemi permezz ta' kapaċità ġdida tal-idroenerġija, it-tniġġis mill-ħsejjes u viżwali mit-turbini tar-riħ, u t-tniġġis u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-esplojtazzjoni tax-*shale* taż-żejt. L-espansjoni tal-kapaċità tal-enerġija nukleari għandha tistimula d-dibattitu pubbliku dwar il-ħażna tal-iskart u r-riskji tas-sigurtà.

Jeħtieġ li nniedu innovazzjonijiet u nsibu niċeċ tas-suq li jnaqqsu l-ħtieġa globali tagħna għall-minerali, il-metalli u l-enerġija, filwaqt li niżviluppaw teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda. Aħna diġà ninsabu fuq quddiem nett fil-qasam tal-enerġija mix-xemx, mir-riħ u mill-baħar.



# Earth 2050 global megatrend: It-tniġġis – Iż-żieda fl-użu tas-sustanzi kimiċi

Fil-preżent, il-maġġoranza tas-sustanzi kimiċi jiġu prodotti mill-hekk imsejħa 'pajjiżi żviluppati', iżda l-produzzjoni qiegħda tiżdied malajr b'aktar mid-doppju fl-Indja, fiċ-Ċina, fil-Brażil, fl-Afrika t'Isfel u fl-Indonesja. Is-sehem ekonomiku tagħhom tal-produzzjoni totali ta' sustanzi kimiċi fid-dinja huwa mistenni li jiżdied għal madwar 30 % sal-2020 u kważi 40 % sal-2030.

## Għaliex dan l-użu dejjem jiżdied tas-sustanzi kimiċi huwa importanti għalik?

Il-konsegwenzi potenzjali tax-xejriet tat-tniġġis globali għall-Ewropa jinkludu l-impatti ulterjuri fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi. L-ilma tax-xorb u tal-għawm perikoluż u l-ikel ikkontaminat, kemm mill-prodotti Ewropej kif ukoll mill-prodotti importati, jikkawżaw riskji immedjati. Ir-riskji jistgħu jkunu marbuta wkoll mal-importazzjoni dejjem tiżdied ta' prodotti kimiċi industrijali intermedjarji u finali. Fl-Ewropa, il-problema tan-nitroġenu reattiv hija partikolarment evidenti fil-Baħar Baltiku, fejn l-istatus ekoloġiku attwali huwa diġà ħażin.

**Graff 5: Il-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi**

Huwa stmat li bejn 70 000 u 100 000 sustanza kimika qegħdin jiġu prodotti f'volumi għolja, b'aktar minn miljun tunnellata fis-sena. Il-pajjiżi tal-OECD huma l-akbar produtturi tas-sustanzi kimiċi, iżda l-produzzjoni qiegħda tiżdied malajr b'aktar mid-doppju fl-Indja, fiċ-Ċina, fil-Brażil, fl-Afrika t'Isfel u fl-Indonesja.

Għal aktar informazzjoni ara: Global megatrends: it-tagħbija dejjem tikber tat-tniġġis ambjentali:
**www.eea.europa.eu/soer/europe-and-the-world/megatrends**






Sors: OECD, 2008, Perspettiva Ambjentali tal-OECD sal-2030.

# 6. DINJA URBANA






SSO
CAPPUCC

# 6. DINJA URBANA

**Kont taf?** Belt taffettwa żona kbira madwar il-konfini tagħha. Pereżempju, huwa maħsub li Londra weħidha teħtieġ żona ta' kważi 300 darba aktar mid-daqs ġeografiku tagħha biex tissodisfa d-domandi tagħha u biex tiddisponi mill-iskart u l-emissjonijiet tagħha.

*SOER 2010*

Ninsabu lejn l-aħħar ta' Settembru u l-aħħar xita monsun laqtet lil New Delhi bis-saħħa. Il-belt kapitali Indjana hija milquta minn sħana kbira – fuq it-30 grad, u umdità. Ix-xita waqfet iżda kullimkien jinsab imfawwar bl-ilma. Barra minn hekk, fil-belt għadha kif ġiet ikkonfermata tifqigħa tad-deni dengue li jinġarr min-nemus.

Magħrufa bħala l-Yamuna Pushta jew 'Yamuna embankment', il-komunità illegali fil-Grigal tal-belt normalment tkun mifruxa għal mili sħaħ fuq il-pjanuri tal-għargħar fuq kull naħa tax-xmara kbira. Issa, il-pjanuri nnifishom jinsabu mgħarrqa għal kollox. Mewġa kbira ta' nies diġà ffollaw fuq l-awtostrada hekk kif għexieren ta' eluf ta' nies li jgħixu fil-kwartieri tal-foqra qegħdin jabbandunaw l-irħula gabubi u foqra tagħhom tul ix-xmara u qegħdin ifittxu kenn.

Il-komunitajiet jikkampjaw fuq l-awtostrada b'kull ħaġa li jkun għad fadlilhom, ftit passi biss bogħod mit-turrent qalil l-ieħor ta' Delhi: it-traffiku. Daqsxejn ta' tarbija żgħira torqod fuq il-konkrit iebes, jarda jew tnejn bogħod mit-triq, imgeżwra f'kutra. Tfajla żgħira tomxot xagħarha twil u skur b'mod metikoluż taħt l-għata magħmula mill-plastik tad-dar tagħha. Persuna oħra tikteb messaġġ fuq it-telefon ċellulari tagħha waqt li timla kontenitur bl-ilma tax-xorb minn trakk tal-ilma.

## Grandes tendances mondiales sur le Megatrends globali fil-ġenb tat-triq

Meta naħsbu dwar il-globalizzazzjoni, rari naħsbu dwar il-kwartieri tal-foqra, iżda n-nies ta' Yamuna Pushta huma parti minn fenomenu globali. Biljuni ta' nies qegħdin jinġabru fil-bliet u ż-żoni urbani tagħna, u jħallu warajhom l-artijiet u l-ambjenti rurali. Għall-ewwel darba fl-istorja, aktar minn 50 % tal-popolazzjoni tad-dinja qiegħda tgħix f'żoni urbani. Sal-2050, madwar 70 % minna x'aktarx li jkunu qegħdin jgħixu f'żoni urbani, imqabbla ma' inqas minn 30 % fl-1950 (UNDESA, 2010).

L-ibliet qegħdin jilħqu wkoll daqsijiet storikament bla preċedenti. In-numru dejjem jikber ta' bliet kbar ħafna madwar id-dinja qiegħed ipoġġi limitazzjonijiet enormi fuq is-sistemi ta' appoġġ għar-riżorsi naturali tagħhom. It-tkabbir saħansitra aktar mgħaġġel fl-ibliet żgħar u ta' daqs medju jista' jkun saħansitra aktar importanti minn perspettiva ambjentali.

L-ibliet jikkonċentraw fuq l-investiment u l-opportunitajiet tax-xogħol, billi jippromwovu t-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fil-produttività. Huma jipprovdu impjiegi bi dħul ogħla, kif ukoll aċċess akbar għal prodotti, servizzi u faċilitajiet, kif ukoll għal titjib fis-saħħa, fil-litteriżmu u fil-kwalità tal-ħajja. Dawn l-opportunitajiet iħajru lir-residenti rurali biex ifittxu ħajja aħjar u dħul ogħla fiż-żoni urbani.

Madankollu, fin-nuqqas ta' tmexxija b'saħħitha, it-tkabbir urban rapidu jista' jikkawża sfidi ambjentali kbar billi jżid kemm il-konsum kif ukoll il-faqar urban.



L-istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ħabitats tissuġġerixxi li hemm 1.1 biljun ruħ jgħixu fi kwartieri urbani tal-foqra madwar id-dinja. Bil-popolazzjoni tkompli tiżdied, aktar u aktar nies qegħdin jiċċaqilqu lejn żoni urbani madwar id-dinja u din it-tendenza mistennija tissokta.

Filwaqt li l-maġġoranza tal-popolazzjoni li ssofri minn deprivazzjoni severa għadha qed tgħix f'żoni rurali, hemm ukoll proporzjon kbir u li qiegħed ikompli jikber ta' nies li qegħdin jgħixu f'żoni urbani, għalkemm huwa maħsub li l-ammont eżatt ta' dawn in-nies huwa sottovalutat fl-istatistika uffiċjali. Importanti ninnotaw li l-proporzjon tal-foqra li jgħixu f'żoni urbani qiegħed jiżdied b'rata aktar mgħaġġla f'ħafna pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw mir-rata globali ta' tkabbir tal-popolazzjoni urbana.

## Infasslu l-ġejjieni

L-ibliet huma ekosistemi: huma sistemi miftuħa u dinamiċi li jikkonsmaw, jittrasformaw u jirrilaxxaw il-materjali u l-enerġija; huma jiżviluppaw u jadattaw; huma jiġu fformati mill-bnedmin u jinteraġixxu ma' ekosistemi oħrajn. Għalhekk, huma għandhom jiġu ġestiti bħal kwalunkwe tip ieħor ta' ekosistema.

Permezz ta' kunsiderazzjoni mill-ġdid tad-disinn urban, l-arkitettura, it-trasport u l-ippjanar, aħna nistgħu npoġġu l-ibliet u l-pajsaġġi urbani tagħna fuq quddiem nett fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (eż. it-trasport sostenibbli, l-enerġija nadifa u l-konsum baxx) u l-adattament (eż. djar fuq wiċċ l-ilma, ġonna vertikali). Barra minn hekk, l-ippjanar urban aħjar għandu jtejjeb il-kwalità tal-ħajja għal kulħadd billi jfassal spazju urban kwiet, mingħajr perikli, nadif u li jirrispetta l-ambjent. Huwa joħloq ukoll opportunitajiet ta' impjiegi ġodda billi jistimola s-suq għal teknoloġiji ġodda u arkitettura ħadra.

Minħabba li fihom konċentrazzjoni ta' nies u attivitajiet, l-ibliet huma importanti għall-Ewropa u għad-dinja kollha kemm hi. Il-problemi tagħhom ma jistgħux jissolvew fil-livell lokali biss. Hemm bżonn ta' integrazzjoni aħjar tal-politika u tmexxija ġdida, li jinvolvu sħubija mill-qrib u koordinazzjoni fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Tabilħaqq, politika effettiva u magħquda hija kruċjali fid-dinja interkonnessa li ngħixu fiha.

# Earth 2050 global megatrend: ngħixu f'dinja urbana

Dinja li qiegħda ssir dejjem aktar urbana probabbilment tfisser żieda fil-konsum u prosperità akbar għal ħafna. Iżda hija tfisser ukoll faqar akbar għall-persuni żvantaġġjati li jgħixu f'żoni urbani. Il-kundizzjonijiet ħżiena tal-għajxien fiż-żoni urbani u r-riskji ambjentali u tas-saħħa assoċjati, jistgħu jħallu impatt fuq iż-żoni kollha tad-dinja, inkluża l-Ewropa.

## Għaliex l-urbanizzazzjoni hija importanti għalik?

Id-disinn u t-tmexxija taż-żoni urbani, partikolarment fix-Xlokk tal-Ażja, ser ikollhom impatti qawwija fuq l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra u d-domanda għar-riżorsi. Ladarba tinbena, belt tista' ssibha diffiċli biex titbiddel b'mod fundamentali. L-abitanti jadattaw għal dawn il-kundizzjonijiet u jista' jkun diffiċli biex l-imġiba tagħhom tinbidel. F'ħafna postijiet fid-dinja li qiegħda tiżviluppa, l-ibliet bħalissa qegħdin jirriskjaw li jingħalqu f'mudelli ta' żvilupp urban b'enerġija u riżorsi intensivi għad-deċennji li ġejjin.

F'dinja interkonnessa ħafna, il-bidliet fl-urbanizzazzjoni u l-mudelli ta' konsum relatati ser jaffettwaw l-aktar lill-Ewropa indirettament. L-impatti jistgħu jinkludu tibdil fil-mudelli Ewropej tal-użu tal-art ikkaġunat minn kompetizzjoni aktar iebsa għar-riżorsi u t-theddida ta' mard li jiżviluppa u jinxtered globalment.

## Graff 6: Xejriet urbani

Għall-ewwel darba fl-istorja, aktar minn 50 % tal-popolazzjoni tad-dinja jgħixu f'żoni urbani. Sas-sena 2050, madwar 70 % tan-nies x'aktarx li ser ikunu urbani (UNDESA, 2010). L-istudjużi tad-demografija jikkalkolaw li l-Ażja ser tilqa' fiha aktar minn 50 % tal-popolazzjoni urbana globali sal-2050.

Għal aktar informazzjoni ara: Global megatrends: ngħixu f'dinja urbana: **www.eea.europa.eu/soer/europe-and-the-world/megatrends**




(1) Id-definizzjoni ta' "żona urbana" tvarja minn pajjiż għal ieħor.

(2) l-Albanija, Andorra, l-Awstrija, il-Belarus, il-Belġju, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Bulgarija, il-Gżejjer tal-Kanal, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Gżejjer Faeroe, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, Ġibiltà, il-Greċja, l-Istat tal-belt tal-Vatikan, l-Ungerija, l-Islanda, l-Irlanda, il-Gżira ta' Man, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, Monako, il-Montenegro, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Moldova, ir-Rumanija, ir-Russja, San Marino, is-Serbja, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera, l-Ukraina, ir-Renju Unit.

Iż-żoni urbani tal-Oċeanja – mhux inklużi hawnhekk għal raġunijiet ta' leġibbiltà – huma mbassra li jilħqu t-38 miljun ruħ sal-2050 (attwalment 25 miljun).

Sors: Id-Diviżjoni tal-Popolazzjoni tan-NU, Il-Prospetti tal-Urbanizzazzjoni Dinjija: Ir-Reviżjoni tal-2009.

# REFERENZI


- Angelini et al., 2007, ‘An outbreak of chikungunya fever in the province of Ravenna, Italy’, *Eurosurveillance* 12 (36).
- KE, 2008, *The Economics of Ecosystems and Biodiversity – an interim report,* il-Komunitajiet Ewropej.
- EEA, 2010, *Mapping the impacts of natural hazards and technological accidents in Europe,* Rapport Tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Nru. 13/2010.
- Fraunhofer, 2009, USGS, 2004
- Gundimeda, H., Sanyal, S., Sinha, R. u Sukhdev, P., 2006, *Green accounting for Indian states project: the value of biodiversity in India’s forests,* TERI Press, New Delhi.
- Kharas, H., 2010, *The emerging middle class in developing countries*.
- OECD, 2008, *OECD Environmental Outlook to 2030.*
- Ota, A. B., 2006, *Responsible business behaviour in Orissa,* State Tribal Research Institute, il-Gvern ta’ Orissa, l-Indja.
- Rogers, D. u Randolph, S. 2000, *The Global Spread of Malaria in a Future, Warmer World;* Ahlenius H., 2005, UNEP/GRID-Arendal Maps and Graphics Library.
- Sarojini Thakur, 2008, Kap tat-Taqsima dwar is-Sessi, is-Segretarjat tal-Commonwealth, Komunikazzjoni
- In-Nazzjonijiet Uniti, 2010, *The Millennium Development Goals Report 2010,* in-Nazzjonijiet Uniti, New York.
- UNDESA, 2010, *World Urbanisation Prospects, the 2009 Revision,* id-Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, id-Diviżjoni tal-Popolazzjoni, New York.
- WWF, 2007, *Europe 2007 Gross Domestic Product and Ecological Footprint*, l-Uffiċċju tal-Politika Ewropea dwar il-Fond Dinji għan-Natura, il-Belġju.

# KREDITI TAR-RITRATTI

Il-fotografija għandha post ċentrali f'Sinjali. L-EEA hija grata b'mod partikulari lejn il-fotografi John McConnico u Mark Craemer għall-għajnuna li taw lil Sinjali 2011.

EEA/John McConnico: Paġni 3, 4, 5, 8, 9, 10, 11, 16, 32, 33, 36, 38, 41, 44, 45, 62, 63, 64
John McConnico: 12, 13, 24, 25, 55
Mark Craemer: Ritratt tal-Qoxra, 15, 19, 21
EEA/Ace & Ace: 59
Associated Press: 52, 53
Edun Clothing Company: 49
National Resource Council of Canada: 57
iStockphoto: 29, 66

L-EAA għandha d-drittijiet tar-ritratti ta' Sinjali li ssirilhom ir-referenza "EEA/John McConnico". Dawn ir-ritratti jistgħu jiġu riprodotti bil-kundizzjoni li ssirilhom ir-referenza "EEA/John McConnico". Għal iżjed dettalji dwar ir-ritratti ta' Sinjali, ibgħat email fuq: signals@eea.europa.eu

Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Id-Danimarka

Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: eea.europa.eu
Mistoqsijiet: eea.europa.eu/enquiries

TH-AP-11-001-MT-C
10.2800/69937

ISBN 978-92-9213-187-6
9 789292 131876

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent